*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 17,571, 23 ta' April, 2004*
*Taqsima B*

**A.L. 194 ta' l-2004**

**ATT TA' L-2000 DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (ATT NRU. XXV TA' L-2000) ATT TA' L-2001 DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (ATT NRU. XX TA' L-2001)**

**Regolamenti ta' l-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma**

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-artiklu 28 (1) ta' l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, 2000, u l-artikli 9 u 11 ta' l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru tar-Riżorsi u l-Infrastruttura flimkien mal-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, wara konsultazzjonijiet ma' l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, għamlu ir-regolamenti li ġejjin:

**1.** (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2004 dwar Pjan ta' Azzjoni fil-Qasam tal-Politika ta' l-Ilma. Titolu u skop.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti huwa li jkun stabbilit pjan għall-ħarsien ta' ilmijiet tal-wiċċ interni, ilmijiet transizzjonali, ilmijiet kostali, u ilma ta' taħt l-art kif ukoll biex jimplimenta il-provvedimenti tad-Direttiva 2000/60/EC tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**2.** (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma titlobx xort'oħra: Tifsir.

"akwifer" tfisser strat jew strati ta' blat taħt l-art, jew strata ġeoloġika oħra ta' porożità u permeabbiltà suffiċjenti li jippermettu jew tnixxija sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art jew l-astrazzjoni ta' kwantitajiet sinifikanti ta' ilma ta' taħt l-art;

"approċju kombinat" tfisser il-kontroll tal-ħruġ u ta' l-emissjonijiet fl-ilmijiet tal-wiċċ skond l-approċju stabbilit fir-regolament 10;

"l-awtorità kompetenti" tfisser l- Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi sa fejn għandu x'jaqsam l-ilma intern u l-Awtorità

ta' l-Ambjent u l-Ippjanar ta' Malta għal fejn għandu x'jaqsam l-ilma kostali:

Iżda l-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tkun responsabbli wkoll għall-korpi ta' ilma tal-wiċċ li jkunu jinsabu f'żoni li huma skedati taħt il-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, jew li jkunu protetti taħt il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent jew l-Att dwar ir-Riżerva Naturali ta' Filfla, kif ukoll korpi ta' ilma tal-wiċċ li jkollhom fihom speċi protetti taħt il-provvedimenti ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent jew żoni oħra li għandhom importanza ekoloġika jew xjentifika taħt il-provvedimenti ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp jew l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent;

"il-*catchment* ta' l-ilma" tfisser l-inħawi ta' l-art li minnha it-tnixxija kollha tgħaddi minn sekwenza ta' nixxigħat, xmajjar u, possibilment, lagi għal ġol-baħar f'punt wieħed fit-tmiem, fl-estwarju, jew fid-delta ta' xmara;

"distrett tal-*catchment* ta' l-ilma" tfisser l-inħawi ta' l-art u tal-baħar, magħmula minn wieħed jew aktar mill-*catchments* ta' l-ilma flimkien ma' l-ilmijiet ta' l-art u l-ilmijiet kostali assoċjati magħhom, li hija identifikata fir-regolament 3 (1) bħala l-unità ewlenija għall-immaniġġar tal-*catchments* ta' l-ilma;

"ħruġ dirett għal ġo l-ilma ta' taħt l-art" tfisser ħruġ ta' pollutanti fl-ilma ta' taħt l-art mingħajr perkolazzjoni fil-ħamrija jew fil-ħamrija ta' taħt;

"ilma intenzjonat għall-konsum uman" tfisser:

(a) l-ilma kollu jew fl-istat oriġinali tiegħu inkella wara li jkun ittrattat, intenzjonat għax-xorb, għat-tisjir, għall-preparazzjoni ta' l-ikel jew għal skopijiet domestiċi oħra, minkejja l-oriġini tiegħu sew jekk hu fornut minn *network* ta' distribuzzjoni, minn tanker, kif ukoll minn fliexken jew kontenituri;

(b) l-ilma kollu użat fi kwalunkwe impjant tal-produzzjoni ta' l-ikel għall-manifattura, l-ipproċessar, il-preservazzjoni, jew il-negozju ta' prodotti jew sustanzi intenzjonati għall-konsum uman sakemm l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti jkunu sodisfatti li l-kwalità ta' l-ilma ma tistax taffettwa it-totalità tal-prodott ta' l-ikel fil-forma lesta tiegħu;

"ilma intern" tfisser l-ilma kollu qiegħed jew miexi fuq wiċċ l-art, u l-ilma kollu ta' l-art fuq in-naħa ta' ġewwa tal-linja-bażi li minnha titkejjel il-firxa ta' l-ilmijiet territorjali;

"ilma kostali" tfisser ilma tal-wiċċ fuq in-naħa ta' l-art ta' linja, li kull punt tagħha jinsab f'distanza ta' mil nawtiku fuq in-naħa tal-baħar minn l-eqreb punt tal-linja-bażi li minnha titkejjel il-firxa ta' l-ilmijiet territorjali, u li testendi fejn xieraq sal-linja ta' barra ta' l-ilmijiet transizzjonali;

"ilma tal-wiċċ" tfisser ilmijiet interni, minbarra l-ilma ta' taħt l-art, l-ilmijiet transizzjonali, u l-ilmijiet kostali, għajr rigward l-istatus kimiku li għalih għandhom ikunu wkoll inklużi l-ilmijiet territorjali;

"ilma ta' taħt l-art" tfisser l-ilma kollu li jinsab taħt il-wiċċ ta' l-art fiż-żona ta' saturazzjoni u f'kuntatt dirett ma' l-art jew mal-ħamrija ta' taħt;

"ilmijiet transizzjonali" huma l-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fil-qrib tat-tmiem tax-xmajjar li huma parzjalment mielħa fil-karattru bħala riżultat tal-qrubija tagħhom għall-ilmijiet kostali imma li huma sostanzjalment influwenzati mill-inżul ta' ilma ħelu;

"inħawi mħarsa" tfisser dawk l-inħawi li jenħtieġ li jkunu inklużi fir-reġistru stabbilit skond il-provvedimenti tar-regolament 6 u kif deskritt fl-Anness IV;

"inkwinament" tfisser id-dħul dirett jew indirett bħala riżultat ta' l-attività umana, ta' sustanzi, jew sħana fl-arja, fl-ilma, jew fl-art li jistgħu jkunu ta' dannu għas-saħħa umana jew għall-kwalità ta' l-ekosistemi akwatii jew l-ekosistemi terrestri li jiddependu direttament fuq l-ekosistemi akwatii, li jirriżultaw fi ħsara għal proprjetà materjali, jew itellfu jew ifixklu l-mezzi u użu leġittimu ieħor ta' l-ambjent;

"kontrolli ta' emissjonijiet" huma kontrolli li jinħtieġu limitu ta' emissjoni speċifika, per eżempju valur tal-limitu ta' emissjoni, jew inkella limiti jew kundizzjonijiet speċifikanti fuq l-effetti, in-natura, jew karatteristiċi oħra ta' emissjoni jew tal-kundizzjonijiet operanti li jaffettwaw l-emissjonijiet. L-użu tat-terminu"kontroll ta' emissjoni" f'dawn ir-regolamenti fir-rigward tad-disposizzjonijiet ta' xi regolamenti oħra ma għandux jinżamm bħala li qed jinterpreta mill-ġdid b'xi mod dawk id-disposizzjonijiet;

"korp ta' ilma artifiċjali" tfisser korp ta' ilma tal-wiċċ maħluq minn l-attività umana;

"korp ta' l-ilma modifikat sewwa" tfisser korp ta' l-ilma tal-wiċċ li, b'riżultat ta' alterazzjonijiet fiżiċi kawżati minn attività umana, jinbidel sostanzjalment fil-karattru, kif iddisinjat mill-awtorità kompetenti skond id-disposizzjonijiet ta' l-Anness II;

"korp ta' ilma ta' taħt l-art" tfisser volum imdaqqas ta' ilma ta' taħt l-art fl-akwifer jew akwifers;

"korp ta' ilma tal-wiċċ" tfisser element diskret u sinifikanti ta' ilma tal-wiċċ bħalma huma lag, ġibjun, nixxiegħa, xmara, jew kanal, parti minn nixxiegħa, xmara, jew kanal, ilma transizzjonali, jew firxa ta' ilma kostali;

"lag" tfisser korp ta' ilma tal-wiċċ intern qiegħed;

"oġġettivi ambjentali" tfisser l-oġġettivi stabbiliti fir-regolament 4;

"pollutant" tfisser kwalunkwe sustanza li tista' tikkawża inkwinament, partikolarment dawk elenkati fl-Anness VIII;

"potenzjal ekoloġiku tajjeb" huwa l-istatus ta' korp ta' ilma modifikat sewwa jew artifiċjali, hekk ikklassifikat skond id-disposizzjonijiet rilevanti ta' l-Anness V;

"riżors ta' ilma ta' taħt l-art disponibbli" tfisser ir-rata medja annwali fit-tul ta' irriċarġjar li jinkludi kollox tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art imnaqqsa bir-rata annwali fit-tul tat-tnixxija meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' kwalità ekoloġika għall-ilmijiet tal-wiċċ assoċjati, speċifikati fir-regolament 4, biex ikun evitat kwalunkwe nuqqas sinifikanti fl-istatus ekoloġiku ta' dawk l-ilmijiet u biex tkun evitata kwalunkwe ħsara sinifikanti lill-ekosistemi terrestri assoċjati;

"servizzi ta' l-ilma" tfisser is-servizzi kollha li jipprovdu, għad-djar, għall-istituzzjonijiet pubbliċi, jew għal kwalunkwe attività ekonomika:

(a) astrazzjoni, żamma, ħażna, trattament u distribuzzjoni ta' ilma tal-wiċċ jew ta' l-art,

(b) ġbir ta' ilma ħażin u faċilitajiet ta' trattament li sussegwentement ibattlu fl-ilma tal-wiċċ;

"standard ta' kwalità ambjentali" tfisser il-konċentrazzjoni ta' pollutant partikolari jew grupp ta' pollutanti fl-ilma, sediment jew, li ma għandhomx ikunu maqbuża biex ikunu mħarsa s-saħħa umana u l-ambjent;

"status ekoloġiku" hija espressjoni tal-kwalità ta' l-istruttura u l-funzjoni ta' l-ekosistemi akwatiċi assoċjati ma' l-ilma tal-wiċċ, ikklassifikati skond l-Anness V;

"status ekoloġiku tajjeb" huwa l-istatus ta' korp ta' ilma tal-wiċċ, hekk ikklassifikat skond l-Anness V;

"status ta' l-ilma ta' taħt l-art" hija l-espressjoni ġenerali ta' l-istatus ta' korp ta' l-ilma ta' taħt l-art, iddeterminat minn l-ifqar ta' bejn l-istatus kwantitattiv u l-istatus kimiku tiegħu;

"status ta' l-ilma tal-wiċċ" hija l-espressjoni ġenerali ta' l-istatus ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ, iddeterminat minn l-ifqar ta' bejn l-istatus ekoloġiku tiegħu u l-istatus kimiku tiegħu;

"status kimiku tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art" huwa l-istatus kimiku ta' korp ta' ilma ta' taħt l-art, li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fit-tabella 2.3.2 ta' l-Anness V;

"status kimiku tajjeb ta' l-ilma tal-wiċċ" tfisser l-istatus kimiku meħtieġ biex jilħaq l-oġġettivi ambjentali għall-ilmijiet tal-wiċċ stabbiliti fir-regolament 4 (1) (a), jiġifieri li l-istatus kimiku milħuq minn korp ta' ilma tal-wiċċ li fih il-konċentrati ta' pollutanti ma jaqbżux l-istandards ta' kwalità ambjentali stabbiliti fl-Anness IX u skond leġislazzjoni oħra rilevanti li tistabbilixxi l-istandards ta' kwalità ambjentali;

"status kwantitattiv" hija espressjoni tal-grad li bih ikun effettwat korp ta' ilma ta' taħt l-art minn astrazzjonijiet diretti jew indiretti;

"status kwantitattiv tajjeb" huwa l-istatus imfisser fit-tabella 2.1.2 ta' l-Anness II;

"status tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art" tfisser l-istatus milħuq minn korp ta' ilma ta' taħt l-art meta kemm l-istatus kwantitattiv kif ukoll l-istatus kimiku tiegħu huma għall-inqas "tajbin";

"status tajjeb ta' ilma tal-wiċċ" tfisser l-istatus milħuq minn korp ta' ilma tal-wiċċ meta kemm l-istatus ekoloġiku kif ukoll l-istatus kimiku tiegħu huma għallinqas "tajbin";

"*sub-catchment*" tfisser l-inħawi ta' l-art li minnha it-tnixxija kollha li tinfirex fuq il-wiċċ ta' l-art permess ta' serje ta' nixxigħat, xmajjar u, possibbilment, lagi, għal punt partikulari f'korsa ta' l-ilma (normalment il-konfluwenza ta' lag jew xmara);

"sustanzi perikolużi" tfisser sustanzi jew gruppi ta' sustanzi li huma tossiċi, persistenti, u suġġetti għal bijo-akkumulazzjoni, u sustanzi oħra jew gruppi ta' sustanzi li jwasslu għal livell ekwivalenti ta' tħassib;

"sustanzi ta' prijorità" tfisser sustanzi li lista tagħhom tinsab fl-Anness X. Fost dawn is-sustanzi hemm "sustanzi perikolużi ta' prijorità" tfisser sustanzi identifikati bħala tali fl-Anness X;

"użu ta' l-ilma" tfisser servizzi ta' l-ilma flimkien ma' kwalunkwe attività oħra identifikata fir-regolament 5 u l-Anness II, li jkollhom impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' l-ilma. Dan il-kunċett japplika għall-iskopijiet tar-regolament 1 u ta' l-analiżi ekonomika mwettqa skond ir-regolament 5 u l-Anness III, punt (b).

"valuri tal-limitu ta' emissjoni" tfisser il-massa, espressa f'termini ta' ċerti parametri speċifiċi, konċentrazzjoni u, jew livell ta' emissjoni, li ma jistgħux ikunu maqbuża matul perijodu jew perijodi ta' żmien. Valuri tal-limitu ta' emissjoni jistgħu jkunu wkoll stabbiliti għal ċerti gruppi, familji, jew kategoriji ta' sustanzi, partikolarment għal dawk identifikati fl-Anness X. Sakemm il-valuri tal-limitu ta' emissjoni għal sustanzi normalment japplikaw fil-punt fejn l-emissjonijiet iħallu l-instalazzjoni, kull dilwazzjoni għandha twarrab meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti. Rigward tluq indirett fl-ilma, l-effett ta' impjant tat-trattament ta' l-ilma ħażin jista' jittieħed f'kunsiderazzjoni meta jkunu qegħdin jiġu stabbiliti l-valuri tal-limitu ta' emissjoni ta' l-instalazzjonijiet involuti, basta li livell ekwivalenti jkun garantit għall-ħarsien ta' l-ambjent kollu kemm hu u basta dan ma jwassalx għal livelli ogħla ta' inkwinament fl-ambjent;

"xmara" tfisser korp ta' ilma intern nieżel, fil-parti l-kbira tiegħu fuq il-wiċċ ta' l-art, imma li jista' jinżel ukoll taħt l-art għal parti mill-korsa tiegħu;

(2) Għall-iskop ta' dawn ir-regolamenti, kull referenza għal Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għal dawk ir-regolamenti li jkunu jimplimentaw il-provvedimenti ta' dik id-direttiva fil-liġi Maltija.

Koordinazzjoni ta' arranġamenti amministrattivi fid-distretti tal-*catchment* ta' l-ilma.

**3.** (1) Għandu jkun hemm distrett wieħed tal-*catchments* ta' l-ilma tal-wiċċ f'Malta u Għawdex.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri neċessarji kollha biex tassigura arranġamenti amministrattivi xierqa għall-applikazzjoni ta' dawn ir-regolamenti fl-inħawi ta' kull distrett tal-*catchment* li jinsab f'Malta.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri kollha meħtieġa biex tassigura li l-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti għall-kisba ta' l-oġġettivi ambjentali stabbiliti fir-regolament 4, u partikolarment il-programmi kollha tal-miżuri jkunu koordinati għad-distrett tal-*catchment* kollu.

(4) Għanda tinkiseb l-aċċettazzjoni tal-Ministru responsabbli għar-riżorsi u tal-Ministru responsabbli għall-ambjent għall-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma, l-oġġettivi ambjentali u l-miżuri stabbiliti skond dawn ir-regolamenti.

Oġġettivi ambjentali.

**4.** (1) Fit-tħaddim tal-programmi ta' miżuri speċifikati fil-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma:

(a) għal ilmijiet tal-wiċċ, mingħajr preġudizzju għall-ftehim internazzjonali rilevanti:

(i) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tevita d-deterjorazzjoni ta' l-istatus tal-korpi kollha ta' l-ilma tal-wiċċ, suġġetti għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (6) u (7) u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(ii) l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi, ittejjeb u tirrestawra l-korpi kollha ta' l-ilma tal-wiċċ, suġġetti għall-applikazzjoni tas-subparagrafu (iii) għal korpi ta' l-ilma artifiċjali u modifikati sewwa, bl-iskop li jinkiseb status ta' ilma tal-wiċċ tajjeb sa l-aħħar ta' Novembru tas-sena 2015, skond

id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, suġġett għall-applikazzjoni ta' l-estensjonijiet stabbiliti skond is-subregolament (4) u għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (5), (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(iii) l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi u ttejjeb il-korpi kollha ta' l-ilma artifiċjali u modifikati sewwa, bl-iskop li tikseb potenzjal ekoloġiku u status kimiku ta' l-ilma tal-wiċċ tajjeb sa l-aħħar ta' Novembru tas-sena 2015, skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, suġġett għall-applikazzjoni ta' l-estensjonijiet stabbiliti skond is-subregolament (4) u għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (5), (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(iv) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa għat-tnaqqis progressiv minn sustanzi ta' prijorità u l-qtugħ jew it-temma għal kollox ta' emissjonijiet, ħruġ u telf ta' sustanzi perikolużi ta' prijorità.

(b) għall-ilma ta' taħt l-art:

(i) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta l-miżuri meħtieġa biex tevita jew tillimita d-dħul ta' pollutanti fl-ilma ta' taħt l-art u biex tevita d-deterjorament ta' l-istatus tal-korpi kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art, suġġetti għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (6) u (7) u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8) ta' dan ir-regolament u suġġetti għall-applikazzjoni tal-paragrafu (j) tas-subregolament (3) tar-regolament 11;

(ii) l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tipproteġi, ittejjeb u tirrestawra l-korpi kollha ta' l-ilma ta' taħt l-art, tassigura bilanċ bejn l-astrazzjoni u r-ri-iċċarġjar ta' l-ilma ta' taħt l-art, bl-iskop li jinkiseb status ta' ilma ta' taħt l-art tajjeb sa l-aħħar ta' Novembru tas-sena 2015, skond id-disposizzjonijiet stabbiliti fl-Anness V, suġġett għall-applikazzjoni ta' l-estensjonijiet stabbiliti skond is-subregolament (4) u għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (5), (6) u (7) mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8) ta' dan ir-regolament u suġġett għall-applikazzjoni tal-paragrafu (j) tas-subregolament (3) tar-regolament 11;

(iii) l-awtorità kompetenti għandha timplimenta il-miżuri meħtieġa biex iddawwar kwalunkwe tendenza sinifikanti ’l fuq u sostnuta fil-konċentrazzjoni ta’ xi pollutant li tirriżulta mill-impatt ta’ l-attività umana biex progressivament tnaqqas l-inkwinament ta’ l-ilma ta’ taħt l-art, sakemm li l-miżuri biex jinkiseb riversament tat-tendenza jkunu implimentati suġġett għall-applikazzjoni tas-subregolamenti (6) u (7) u mingħajr preġudizzju għas-subregolament (8);

(ċ) għal inħawi protetti l-awtorità kompetenti għandha tikseb konformità ma’ kwalunkwe *standards* u oġġettivi sa l-aħħar ta’ Novembru 2015, sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni li fiha l-inħawi mħarsa individwali jkunu ġew stabbiliti.

(2) Fejn aktar minn wieħed mill-oġġettivi taħt is-subregolament (1) jirrelataw ma’ korp speċifikat ta’ l-ilma, għandhom japplikaw dawk l-oġġettivi l-aktar stretti.

(3) L-awtorità kompetenti tista’ taħtar korp ta’ l-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew modifikat sewwa, meta:

(a) il-bidliet għall-karatteristiċi idromorfoloġiċi ta’ dak il-korp li jkunu meħtieġa biex jinkiseb status ekoloġiku tajjeb jkollhom effetti avversi sinifikanti fuq:

(i) l-ambjent aktar wiesa’;

(ii) in-navigazzjoni, inklużi l-faċilitajiet tal-port, jew ir-rikrejazzjoni;

(iii) attivitajiet għall-iskopijiet li għalihom huwa maħżun l-ilma, bħalma huma l-provvista ta’ l-ilma tax-xorb, il-ġenerazzjoni ta’ l-enerġija jew l-irrigazzjoni;

(iv) ir-regolazzjoni ta’ l-ilma, il-ħarsien mill-għargħar, id-drenaġġ ta’ l-art, jew

(v) attivitajiet oħra ta’ żvilupp uman sostenibbli ugwalment importanti.

(b) l-oġġettivi benefiċjali servuti b’karatteristiċi artifiċjali jew modifikati tal-korp ta’ l-ilma ma jistgħux, għal raġunijiet ta’ possibbiltà teknika jew spejjeż disproporzjonati, ikunu

miksuba raġonevolment b'mezzi oħra, li huma għażla ambjentali b'mod sinifikanti aħjar.

Din il-ħatra wir-raġunijiet għaliha għandhom ikunu msemmija speċifikament fil-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchments* ta' l-ilma meħtieġa skond ir-regolament 13 u riveduti kull sitt snin.

(4) Il-limiti taż-żmien stabbiliti fis-subregolament (1) hawn qabel jistgħu jkunu estiżi għall-iskopijiet ta' kisbiet imqassma ta' l-oġġettivi għall-korpijiet ta' l-ilma, sakemm ma ebda deterjorazzjoni oħra ma sseħħ fl-istatus tal-korp ta' l-ilma effettwat meta l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi li l-miljoramenti kollha meħtieġa fl-istatus tal-korp ta' l-ilma ma jistgħux ikunu raġonevolment miksuba fiż-żminijiet stabbiliti skond dak il-paragrafu għal għallinqas waħda minn dawn ir-raġunijiet:

(i) l-iskala tal-miljoramenti meħtieġa tista' tinkiseb biss bit-tul fl-iskala taż-żmien, għal raġunijiet ta' possibiltà teknika;

(ii) it-tmiem tal-miljoramenti fl-iskala taż-żmien stipulat ikun jinvolvi spiża disproporzjonata;

(iii) il-kundizzjonijiet naturali ma jkunux jippermettu miljorament fil-waqt fl-istatus tal-korp ta' l-ilma.

(b) estensjoni tal-limitu taż-żmien, u r-raġunijiet għaliha, għandhom ikunu speċifikament stabbiliti u spjegati fil-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* meħtieġa skond ir-regolament 13.

(ċ) l-estensjonijiet għandhom ikunu limitati għal massimu ta' żewġ aġġornamenti oħra tal-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma minbarra f'każijiet fejn il-kundizzjonijiet naturali huma tali li l-oġġettivi ma jistgħux jinkisbu f'dak il-perijodu.

(d) sommarju tal-miżuri meħtieġa fir-regolament 11 li huma meqjusa bħala meħtieġa biex iġibu l-korpijiet ta' l-ilma progressivament għall-istatus meħtieġ mal-limitu taż-żmien estiż, ir-raġunijiet għal kwalunkwe dewmien sinifikanti biex jagħmlu dawn il-miżuri operazzjonali, u it-*timetable* mistennija għall-implimentazzjoni għandhom ikunu stabbiliti fil-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma. Reviżjoni ta' l-

implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri u sommarju ta' kwalunkwe miżuri addizzjonali għandhom ikunu nklużi fl-aġġornament tal-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

(5) L-awtorità kompetenti tista' timmira biex tikseb oġġettivi ambjentali inqas stretti minn dawk meħtieġa taħt is-subregolament (1) ta' hawn qabel għal korpi ta' l-ilma speċifiċi meta dawn huma hekk effettwati minn attività umana, kif stabbilit skond is-subregolament (1) tar-regolament (5), jew li l-kundizzjoni naturali tagħhom hija tali li l-kisba ta' dawn l-oġġettivi ma tkunx possibbli inkella tqum b'mod sproporzjonali, u l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) il-bżonnijiet ambjentali u soċjoekonomiċi servuti minn tali attività umana ma jistgħux jinkisbu b'mezzi oħra, li huma għażla ambjentali ħafna aħjar u li ma jitolbux spejjeż sproporzjonati;

(b) l-awtorità kompetenti għandha tassigura,

(i) għall-ilma tal-wiċċ, l-ogħla status ekoloġiku u kimiku possibbli għandu jkun akkwistat, wara li taċċetta impatti li raġonevolment ma setgħux ikunu evitati minħabba n-natura ta' l-attività umana jew l-inkwinament,

(ii) għall-ilma ta' taħt l-art, l-inqas bidliet possibbli għal status ta' l-ilma ta' taħt l-art tajjeb, permessi impatti li raġonevolment ma setgħux ikunu evitati minħabba n-natura ta' l-attività umana jew l-inkwinament,

(ċ) ebda deterjorament ieħor ma jseħħ fl-istatus tal-korp ta' l-ilma effettwat; u

(d) l-istabbiliment ta' oġġettivi ambjentali inqas stretti, u r-raġunijiet għal dan huma msemmija speċifikament fil-pjan għall-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma meħtieġa fir-regolament 12 u dawn l-oġġettivi għandhom ikunu riveduti kull sitt snin.

(6) Deterjorament temporanju fl-istatus tal-korpi ta' l-ilma ma għandux jikser il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti jekk dan ikun ir-riżultat ta' ċirkustanzi ta' kawża naturali jew forza maġġuri li huma eċċezzjonali jew raġonevolment ma setgħux ikunu previsti, b'mod partikolari għargħar estrem u nixfiet twal, jew inkella r-riżultat ta' ċirkostanzi dovuti għal inċidenti li ma setgħux

raġonevolment ikunu previsti, meta l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin ikunu ġew sodisfatti:

(a) ikunu ttieħdu l-passi kollha prattikabbli biex ikun evitat aktar deterjorament fl-istatus biex ma tkunx kompromessa l-kisba ta' l-oġġettivi ta' dawn ir-regolamenti f'korpi oħra ta' l-ilma mhux effettwati minn dawk iċ-ċirkostanzi;

(b) il-kundizzjonijiet taħt liema ċirkostanzi li huma eċċezzjonali jew li ma setgħux ikunu raġonevolment previsti jistgħu jkunu ddikjarati, inkluża l-adozzjoni ta' indikaturi xierqa, għandhom ikunu mniżżla fil-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma;

(ċ) il-miżuri li għandhom jittieħdu f'ċirkostanzi eċċezzjonali bħal dawn għandhom ikunu nklużi fil-programm ta' miżuri u ma għandhomx jikkompromettu l-irkupru tal-kwalità tal-korp ta' l-ilma meta ċ-ċirkostanzi jkunu għaddew;

(d) l-effetti taċ-ċirkostanzi li jkunu eċċezzjonali jew li ma jkunux jistgħu jkunu raġonevolment previsti għandhom ikunu riveduti kull sena u, suġġetti għar-raġunijiet stipulati fil-paragrafu (a) tas-subregolament (4), il-miżuri prattikabbli kollha għandhom jittieħdu bl-iskop tar-restawr tal-korp ta' l-ilma għall-istatus ta' qabel l-effetti ta' dawk iċ-ċirkostanzi mill-aktar fis raġonevolment prattikabbli, u

(e) sommarju ta' l-effetti taċ-ċirkostanzi u tal-miżuri meħuda jew li għandhom jittieħdu skond il-paragrafi (a) u (d) ta' dan ir-regolament għandhom ikunu nklużi fl-aġġornament li jkun imiss tal-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

(7) Ir-regoli stabbiliti f'dawn ir-regolamenti ma għandhomx jitqiesu li jkunu nkisru meta:

(a) nuqqas tal-kisba ta' status tajjeb, status ekoloġiku tajjeb ta' l-ilma ta' taħt l-art, jew, fejn potenzjal ekoloġiku tajjeb rilevanti jew biex tkun evitata deterjorazzjoni fl-istatus ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' l-ilma ta' taħt l-art, ikun riżultat ta' modifikazzjonijiet ġodda lill-karatteristii fiżiċi tal-korp ta' l-ilma tal-wiċċ jew ta' alterazzjonijiet lil-livell tal-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art, jew

(b) nuqqas biex tevita deterjorament minn status għoli għal status tajjeb ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ ikun ir-riżultat ta' attivitajiet ta' żvilupp uman sostenibbli ġodda,

u jkunu sodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

(i) għandhom jittieħdu l-passi kollha prattikabbli biex jimmitigaw l-impatt avvers fuq l-istatus tal-korp ta' l-ilma;

(ii) ir-raġunijiet għal dawn il-modifiki jew alterazzjonijiet għandhom ikunu stabbiliti u spjegati speċifikatament fil-pjan tal-*catchment* ta' l-ilma mitlub fir-regolament 13 ta' hawn taħt, u l-oġġettivi għandhom ikunu riveduti kull sitt snin;

(iii) ir-raġunijiet għal dawn il-modifiki jew alterazzjonijiet għandhom ikunu 'l fuq mill-interess pubbliku u, jew il-benefiċji għall-ambjent u għas-soċjetà għall-kisba ta' l-oġġettivi stabbiliti fis-subregolament (1) ta' dan ir-regolament jingħelbu mill-benefiċji tal-modifiki jew alterazzjonijiet ġodda għas-saħħa umana, għall-manteniment tas-sigurtà umana jew għal żvilupp sostenibbli, u

(iv) l-oġġettivi benefiċjali servuti b'dawn il-modifiki jew alterazzjonijiet tal-korp ta' l-ilma ma jistgħux, għal raġunijiet ta' possibbiltà teknika jew spejjeż sproporzjonati jinkisbu raġonevolment b'mezzi oħra, li jkunu opzjoni ambjentali b'mod sinifikanti aħjar.

(8) Waqt l-applikazzjoni tas-subregolamenti (3), (4), (5), (6), u (7) l-awtorità kompetenti għandha tassigura li l-applikazzjoni ma teskludix jew tikkomprometti permanentement il-kisba ta' l-oġġettivi ta' dawn ir-regolamenti f'korpi ta' l-ilma oħra fl-istess distrett tal-*catchment* ta' l-ilma u għandha tkun konsistenti ma' l-implimentazzjoni ta' regolamenti ambjentali oħra.

Karatteristii tad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, reviżjoni ta' l-impatt ambjentali ta' l-attività umana, u analiżi ekonomika ta' l-użu ta' l-ilma.

**5.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li għal kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, twettaq

- analiżi tal-karatteristiċi tiegħu,

- reviżjoni ta' l-impatt ta' l-attività umana fuq l-istatus ta' l-ilmijiet tal-wiċċ u ta' l-ilma ta' taħt l-art li jkun hemm fid-distrett, u

- analiżi ekonomika ta' l-użu ta' l-ilma.

L-analiżi u r-reviżjonijiet imsemmija għandhom jitwettqu skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi stabbiliti fl-Annessi II u III, u għandhom jitlestew sa l-aħħar ta' Novembru 2004.

(2) L-analiżi u r-reviżjonijiet imsemmija taħt is-subregolament (1) ta' hawn qabel għandhom ikunu riveduti, u jekk ikun hemm bżonn aġġornati, sa l-aħħar ta' Novembru 2013 u mbagħad kull sitt snin.

Reġistru ta' l-inħawi mħarsa.

**6.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li jsir reġistru jew isiru reġistri ta' l-inħawi kollha li jeżistu f'kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma li jkunu ġew ntgħażlu bħala li jinħtieġu ħarsien speċjali skond leġislazzjoni speċifika għall-ħarsien ta' l-ilma tal-wiċċ u ta' l-ilma ta' taħt l-art tagħhom, jew għall-konservazzjoni ta' l-abitati u l-ispeċi li direttament jiddependu fuq l-ilma. Huma għandhom jassiguraw li r-reġistru jkun lest sa l-aħħar ta' Novembru 2004.

(2) Ir-reġistru jew reġistri għandhom jinkludu l-korpi kollha ta' l-ilma identifikati fis-subregolament (1) tar-regolament 7 u l-inħawi kollha protetti koperti mill-Anness IV.

(3) Għal kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, ir-reġistru jew reġistri ta' l-inħawi protetti għandhom jinżammu kontinwament riveduti u aġġornati.

Ilmijiet użati għall-astrazzjoni ta' l-ilma tax-xorb.

**7.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tidentifika:

(a) il-korpi kollha ta' l-ilma wżati għall-astrazzjoni ta' l-ilma intenzjonat għall-konsum uman li jipprovdu aktar minn 10 metri kubi kuljum bħala medja u li jservu lil aktar minn 50 persuna, u

(b) dawk il-korpi ta' l-ilma intenzjonati għal dak il-użu futur.

L-awtorità kompetenti għandha timmonitorja, skond l-Anness V, dawk il-korpi ta' l-ilma li skond l-Anness V, jipprovdu aktar minn mitt metru kubu kuljum bħala medja.

(2) Għal kull korp ta' ilma identifikat fis-subregolament (1) ta' hawn qabel, aktar milli jissodisfa l-oġġettivi tar-regolament 4 skond il-kundizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti, għall-korpi ta' l-ilmijiet tal-wiċċ, l-awtorità kompetenti għandha tassigura li taħt ir-reġim tat-trattament ta' l-ilma applikat, l-ilma riżultanti jrid jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' xi regolamenti dwar il-kwalità ta' l-ilma intenzjonat għall-konsum uman.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tassigura l-ħarsien meħtieġ għall-korpi ta' l-ilma identifikati bl-iskop li tkun evitata

deterjorazzjoni fil-kwalità tagħhom biex jitnaqqas il-livell tat-trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ fil-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb. L-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi żoni ta' salvagwardja għal dawk il-korpi ta' l-ilma u tieħu dawk il-miżuri neċessarji biex tiżgura li jkun hemm salvagwardji addattati hekk kif stipulat f' linji ta' gwida addizzjonali għal dawn ir-regolamenti.

**8.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li jsiru programmi għall-moniteraġġ ta' l-istatus ta' l-ilma biex tistabbilixxi osservazzjoni koerenti u komprensiva ta' l-istatus ta' l-ilma f'kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma:

Moniteraġġ ta' l-istatus ta' l-ilma tal-wiċċ, status ta' l-ilma ta' taħt l-art, u nħawi protetti.

(a) għall-ilmijiet tal-wiċċ tali programmi għandhom ikopru:

(i) il-volum u l-livell jew ir-rata tat-tnixxija sal-firxa rilevanti għall-istatus ekoloġiku u kimiku, u l-potenzjal ekoloġiku, u

(ii) l-istatus ekoloġiku u kimiku, u l-potenzjal ekoloġiku;

(b) għall-ilmijiet ta' taħt l-art tali programmi għandhom ikopru l-moniteraġġ ta' l-istatus kimiku u kwantitattiv,

(ċ) għal inħawi mħarsa il-programmi ta' hawn fuq għandhom ikunu ssupplimentati b'dawk l-ispeċifikazzjonijiet li hemm fil-leġislazzjoni li fiha l-inħawi protetti individwali kienu stabbiliti.

(2) Dawn il-programmi għandhom ikunu jaħdmu sa l-aħħar ta' Novembru 2006 sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni konċernata. Dan il-moniteraġġ għandu jkun skond il-kundizzjonijiet ta' l-Anness V.

(3) L-awtorità kompetenti għandha ssegwi l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-metodi standardizzati għall-analiżi u l-immoniterjar ta' l-status ta' l-ilma.

**9.** (1) (a) L-awtorità kompetenti għandha tikkonsidra l-prinċipju ta' l-irkupru ta' l-ispejjeż għas-servizzi ta' l-ilma, inklużi l-ispejjeż ambjentali u tar-riżorsi, billi tikkonsidra l-analiżi ekonomika mwettqa skond l-Anness III, u skond, partikolarment, il-prinċipju li min iniġġes iħallas.

Irkupru ta' l-ispejjeż għas-servizzi ta' l-ilma.

(b) Sa l-2010, l-awtorità kompetenti għandha tassigura:

(i) li l-politika tal-mod kif ikun stabbilit il-prezz ta' l-ilma tipprovdi inċentivi adegwati għall-utenti biex jużaw ir-riżorsi ta' l-ilma b'mod effiċjenti, u b'hekk jikkontribwixxu għall-oġġettivi ambjentali ta' dawn ir-regolamenti,

(ii) kontribut adegwat ta' l-użi differenti ta' l-ilma, imqassam ta' l-inqas fl-industrija, fid-djar u fl-agrikoltura, għall-irkupru ta' l-ispejjeż għas-servizzi ta' l-ilma, ibbażat fuq l-analiżi ekonomika mwettqa skond l-Anness III u meta tieħu in kunsiderazzjoni l-prinċipju li min iniġġes iħallas.

(ċ) il-Ministru responsabbli għar-riżorsi u l-Ministru responsabbli għall-ambjent jistgħu jagħtu direzzjoni speċifika lill-awtorità kompetenti rispettiva fuq il-mod li bih jiġu implimentati l-obbligi mposti fuqhom fil-paragrafi (a) u (b) ta' hawn qabel, tenut kont ta' l-effetti soċjali, ambjentali, u ekonomiċi ta' l-irkupru kif ukoll il-kundizzjonijiet ġejografii u klimatiċi tar-reġġjun jew reġġjuni effettwati.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta fil-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma dwar il-passi ppjanati għall-implimentazzjoni tas-subregolament (1) ta' hawn qabel. Dawn il-passi għandhom jikkontribwixxu għall-kisba ta' l-oġġettivi ambjentali ta' dawn ir-regolamenti, u fuq is-sehem ta' l-użi differenti ta' l-ilma għall-irkupru ta' l-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma.

(3) Xejn f'dan ir-regolament ma għandu jipprojbixxi l-finanzjament ta' miżuri partikolari preventivi jew rimedjali biex jinkisbu l-oġġettivi ta' dawn ir-regolamenti.

(4) L-awtorità kompetenti ma tkunx qed tikser dawn ir-regolamenti kemm-il darba tiddeċiedi skond prattiċi stabbiliti li ma tapplikax il-paragrafu (b) tas-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, u għal dak l-iskop id-disposizzjonijiet rilevanti tas-subregolament (2), għal attività partikolari (mogħtija) ta' l-użu ta' l-ilma, fejn dan ma jikkompromettix l-iskopijiet u l-kisba ta' l-oġġettivi ta' dawn ir-regolamenti. L-awtorità kompetenti għandha tirrapporta r-raġunijiet għaliex ma tkunx applikat kif imiss id-disposizzjonijiet imsemmija, fil-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

**10.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li l-ħruġ kollu, li għalih hemm referenza fis-subregolament (2) ta' dan ir-regolament, fl-ilmijiet tal-wiċċ, ikun ikkontrollat skond l-approċju kombinat stipulat f'dan ir-regolament.

L-approċju kombinat għal sorsi tal-punt u diffużjoni.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li tistabbilixxi u, jew timplimenta:

(i) l-kontrolli ta' emissjoni bbażati fuq l-aħjar teknika disponibbli, jew

(ii) il-valuri tal-limitu ta' emissjoni rilevanti, jew

(iii) fil-każ ta' impatti ta' diffużjoni, il-kontrolli li jinkludu, kif xieraq, l-aħjar prattiċi ambjentali.

Iżda l-imsemmija kontrolli u valuri tal-limitu għandhom ikunu ppjanati skond ir-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (A.L. 234 ta' l-2002), ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi (A.L. 340 ta' l-2001), ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ilma mit-Tniġġis Kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja (A.L. 343 ta' l-2001), ir-regolamenti elenkati fl-Anness IX, u kwalunkwe regolamenti rilevanti oħra, sa l-aħħar ta' Novembru 2012, sakemm li ma jkunx speċifikat mod ieħor fil-leġislazzjoni konċernata.

(3) Fejn oġġettiv ta' kwalità jew standard ta' kwalità, sew jekk stabbilit in segwitu għal dawn ir-regolamenti, fir-regolamenti elenkati fl-Anness IX, kif ukoll in segwitu għal kwalunkwe leġislazzjoni oħra, jitlob kundizzjonijiet aktar stretti minn dawk li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni tas-subregolament (2), għandhom ikunu stabbiliti kif imiss kontrolli ta' emissjoni aktar stretti.

**11.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programm ta' miżuri għal kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, billi tikkonsidra r-riżultati ta' l-analiżi mitluba mir-regolament 5, biex jinkisbu l-oġġettivi stabbiliti fir-regolament 4.

Programm ta' miżuri.

(2) Kull programm ta' miżuri għandu jinkludi l-miżuri "bażiċi" speċifikati fis-sub-regolament (3) ta' hawn taħt u, fejn ikun hemm ħtieġa, miżuri "supplimentari".

(3) "Miżuri bażiċi" huma l-kundizzjonijiet minimi li wieħed irid jikkonforma magħhom u għandhom ikunu jikkonsistu fi:

(a) dawk il-miżuri meħtieġa għal implimentazzjoni ta' leġislazzjoni mmirata għall-ħarsien ta' l-ilma, inklużi miżuri meħtieġa fil-leġislazzjoni speċifikata fir-regolament 10 u fil-Parti A ta' l-Anness VI;

(b) miżuri meqjusa xierqa għall-iskopijiet tar-regolament 9;

(ċ) miżuri biex jippromwovu użu effiċjenti u sostenibbli ta' l-ilma biex ikun evitat li tkun kompromessa l-kisba ta' l-oġġettivi speċifikati fir-regolament 4;

(d) miżuri li jissodisfaw il-kundizzjonijiet tar-regolament 7, inklużi miżuri biex jissalvagwardjaw il-kwalità ta' l-ilma biex jitnaqqas il-livell tat-trattament ta' purifikazzjoni meħtieġ għall-produzzjoni ta' l-ilma tax-xorb;

(e) kontrolli fuq l-astrazzjoni ta' ilma tal-wiċċ u ta' l-ilma ta' taħt l-art tajjeb u t-teħid ta' ilma tal-wiċċ tajjeb, inkluż reġistru jew reġistri ta' l-astrazzjonijiet ta' l-ilma u kundizzjoni ta' awtorizzazzjoni minn qabel għal astrazzjoni u teħid. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati perjodikament. L-awtorità kompetenti tista' teżenta minn dawn il-kontrolli, astrazzjonijiet jew teħid li ma jkollhom ebda impatt sinifikanti fuq l-istatus ta' l-ilma;

(f) kontrolli, li jinkludu kundizzjoni għal awtorizazzjoni minn qabel ta' l-iċċarġjar artifiċjali jew żieda tal-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art. L-ilma wżat jista' jkun derivat minn kwalunkwe ilma tal-wiċċ jew ilma ta' taħt l-art, sakemm l-użu tas-sors ma jikkompromettix il-kisba ta' l-oġġettivi ambjentali stabbiliti għas-sors jew il-korp ri-iċċarġjat jew miżjud ta' l-ilma ta' taħt l-art. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati perjodikament;

(g) għal ħruġ tas-sors tal-punt li jista' jikkawża inkwinament, kundizzjoni għal regolament minn qabel, bħalma hi l-projbizzjoni fuq id-dħul ta' pollutanti fl-ilma, jew għal awtorizzazzjoni minn qabel, jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu, li jistabbilixxu kontrolli ta' emissjoni għall-pollutanti konċernati, inklużi kontrolli skond ir-regolament 10 u leġislazzjoni addizzjonali. Dawn il-kontrolli

għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati perjodikament ;

(h) għal sorsi ta' diffużjoni li jistgħu jikkawżaw inkwinament, miżuri biex jevitaw jew jikkontrollaw id-dħul ta' pollutanti. Il-kontrolli jistgħu jieħdu l-forma ta' kundizzjoni għal regolament ewlieni, bħalma hu projbizzjoni fuq id-dħul ta' pollutanti fl-ilma, awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu fejn din il-kundizzjoni mhux ipprovdut għaliha mod ieħor f'leġislazzjoni oħra. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati (perjodikament ukoll);

(i) għal kwalunkwe impatt avvers sinifikanti ieħor fuq l-istatus ta' l-ilma identifikat fir-regolament 5 u l-Anness II, partikolarment miżuri biex jassiguraw li l-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi tal-korpi ta' l-ilma huma konsistenti mal-kisba ta' l-istatus ekoloġiku meħtieġ, jew potenzjal ekoloġiku tajjeb għal korpi ta' ilma indikati bħala artifiċjali jew modifikati sewwa. Kontrolli għal dan l-iskop jistgħu jieħdu l-forma ta' kundizzjoni għal awtoriżazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni bbażata fuq regoli ġenerali li jorbtu fejn din il-kundizzjoni mhix ipprovdut għaliha għallinqas mod ieħor f'leġislazzjoni oħra. Dawn il-kontrolli għandhom ikunu riveduti perjodikament u, fejn meħtieġ, aġġornati.

(j) projbizzjoni ta' ħruġ dirett ta' pollutanti fl-ilma ta' taħt l-art, basta li l-awtorità kompetenti tista' tawtorizza ri-injezzjoni fl-istess akwifer ta' ilma wżat għal skopijiet ġejotermali. L-awtorità kompetenti tista' wkoll tawtorizza, waqt li tispeċifika l-kundizzjonijiet:

(i) injezzjoni ta' ilma li jkun fih sustanzi li jirriżultaw minn operazzjonijiet għal esplorazzjoni u astrazzjoni ta' idrokarburi jew attivitajiet tal-minjieri, u injezzjoni ta' ilma għal raġunijiet tekniċi, fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi li minnhom ikunu ġew astratti idrokarburi jew sustanzi oħra, jew f'formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali jkunu permanentement mhux addattati għal skopijiet oħra. Dawn l-injezzjonijiet ma għandux ikun fihom sustanzi oħra minbarra dawk li jirriżultaw mill-operazzjonijiet ta' hawn fuq,

(ii) ri-injezzjoni ta' ilma ta' taħt l-art ippumpjat minn minjieri jew barrieri jew assoċjat mal-kostruzzjoni u l-manutenzjoni ta' xogħlijiet ta' inġinerija ċivili,

(iii) injezzjoni ta' gass naturali jew gass tal-*petroleum* likwefat (LPG) għal skopijiet ta' ħażna fil-formazzjonijiet ġeoloġiċi li għal raġunijiet naturali huma permanentement mhux addattati għal skopijiet oħra,

(iv) injezzjoni ta' gass naturali jew gass tal-*petroleum* likwefat (LPG) għal skopijiet ta' ħażna f'formazzjonijiet ġeoloġiċi oħra fejn hemm bżonn sewwa għas-sigurtà tal-forniment tal-gass, u fejn l-injezzjoni hija tali li tevita kwalunkwe perikolu preżent jew futur għad-deterjorament fil-kwalità ta' kwalunkwe ilma ta' taħt l-art riċeventi,

(v) kostruzzjoni, inġinerija ċivili, u xogħlijiet tal-bini u attivitajiet simili fuq, jew fl-art li jiġu f'kuntatt ma' ilma ta' taħt l-art. Għal dawn l-iskopijiet, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi li dawn l-attivitajiet ikunu ttrattati bħala li ġew awtorizzati sakemm li jkunu mmexxija skond ir-regoli ġenerali li jorbtu, żviluppati mill-istess awtorità kompetenti fir-rigward ta' dawn l-attivitajiet,

(vi) ħruġ ta' kwantitajiet żgħar ta' sustanzi għal skopijiet xjentifiċi għal karatterizzazzjoni, ħarsien, u rimedju ta' korpi ta' l-ilma limitati għall-ammont strettament meħtieġ għall-iskopijiet konċernati,

Sakemm dan il-ħruġ ma jikkompromettix il-kisba ta' l-oġġettivi ambjentali stabbiliti għal dak il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art;

(k) miżuri biex jeliminaw l-inkwinament ta' l-ilmijiet tal-wiċċ minn sustanzi speċifikati fl-Anness X, u biex progressivament inaqqsu l-inkwinament minn sustanzi oħra li inkella ma jippermettux il-kisba ta' l-oġġettivi għall-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ kif stabbilit fir-regolament 4;

(1) kwalunkwe miżuri meħtieġa biex jevitaw telf sinifikanti ta' pollutanti minn stallazzjonijiet tekniċi, u biex ikun evitat u, jew jitnaqqas l-impatt ta' pollutanti inċidenti ta' tniġġis aċċidentali, per eżempju bħala riżultat ta' għargħar, inklużi permezz ta' sistemi li jimmarkaw javżaw b'dawn il-ġrajjiet inkluż, fil-każ ta' aċċidenti li ma setgħux ikunu raġonevolment previsti, il-miżuri kollha xierqa biex inaqqsu ir-riskju għall-ekosistemi akwatiċi.

(4) Miżuri "supplimentari" huma dawk il-miżuri maħluqa u implimentati addizzjonalment mal-miżuri bażiċi, bl-iskop li

jinkisbu l-oġġettivi stabbiliti in segwitu għal regolament 4. Il-Parti B ta' l-Anness VI fiha lista non-esklussiva ta' dawn il-miżuri. L-awtorità kompetenti tista' taddotta wkoll miżuri supplimentari oħra biex tipprovdi għal ħarsien addizzjonali jew titjib ta' l-ilmijiet koperti b'dawn ir-regolamenti, inkluża l-implimentazzjoni tal-ftehim internazzjonali rilevanti.

(5) Fejn moniteraġġ jew data oħra tindika li l-oġġettivi stabbiliti fir-regolament 4 għall-korp ta' l-ilma mhux probabbli li jinkisbu, l-awtorità kompetenti għandha tassigura li:

(i) l-kawżi tal-falliment possibbli jkunu nvestigati,

(ii) permessi rilevanti u awtorizzazzjonijiet ikunu eżaminati u riveduti kif xieraq,

(iii) il-programmi ta' moniteraġġ ikunu riveduti u aġġustati kif xieraq, u

(iv) ikunu stabbiliti miżuri addizzjonali kif ikun meħtieġ biex jinkisbu l-oġġettivi, inkluż, kif ikun meħtieġ, l-istabbiliment ta' standards ta' kwalità ambjentali aktar stretti in segwitu għall-proċeduri stipulati fl-Anness V. Fejn dawk il-kawżi jkunu riżultat ta' ċirkostanzi ta' kawża naturali jew forza maġġuri li huma eċċezzjonali u ma setgħux ikunu raġonevolment previsti, partikolarment għargħar estrem u nixfiet twal, l-awtorità kompetenti tista' tiddetermina li miżuri addizzjonali ma jkunux prattikabbli, u dan skond is-subregolament (6) tar-regolament 4.

(6) Fl-implimentazzjoni ta' miżuri in segwitu għas-subregolament (3) ta' hawn fuq, l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-passi kollha xierqa biex ma' żżidx l-inkwinament ta' l-ilmijiet marini. Mingħajr preġudizzju għal-leġislazzjoni eżistenti, l-applikazzjoni tal-miżuri meħuda in segwitu għas-subregolament (3) ma għandha għal ebda raġuni twassal, direttament jew indirettament, għal żieda ta' tniġġis fl-ilma tal-wiċċ. Din il-kundizzjoni ma għandhiex tapplika fejn tista' tirriżulta f'aktar inkwinament ta' l-ambjent bħala tali.

(7) Il-programmi ta' miżuri għandhom ikunu stabbiliti sa l-aħħar ta' Novembru 2009 u l-miżuri kollha għandhom ikunu operazzjonali sa l-aħħar ta' Novembru 2012.

(8) Il-programmi ta' miżuri għandhom ikunu riveduti u jekk ikun hemm bżonn aġġornati sa l-aħħar ta' Novembru 2015 u

mbagħad kull sitt snin. Kwalunkwe miżuri ġodda jew riveduti stabbiliti fi programm aġġornat għandhom isiru operazzjonali fi żmien tliet snin minn meta jkunu stabbiliti.

Pjanijiet ta' immaniġġar ta' *catchment* ta' l-ilma.

**12.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tassigura li l-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma jsir għal kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma.

(2) Il-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma għandu jinkludi l-informazzjoni dettaljata fl-Anness VII.

(3) Il-pjanijiet ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma jistgħu jkunu ssupplimentati bil-produzzjoni ta' programmi aktar dettaljati u pjanijiet ta' immaniġġar għal sub-*catchment*, settur, kwistjoni jew tip ta' ilma, biex jittrattaw aspetti partikolari ta' l-immaniġġar ta' l-ilma. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri ma għandhiex teżenta lill-awtorità kompetenti minn xi obbligi tagħha skond il-bqija ta' dawn ir-regolamenti.

(4) Il-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma għandhom ikunu ppubblikati sa l-aħħar ta' Novembru, 2009.

(5) Il-pjanijiet ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma għandhom ikunu riveduti u aġġornati sa l-aħħar ta' Novembru, 2015 u mbagħad kull sitt snin.

Informazzjoni u konsultazzjoni pubbliċi.

**13.** (1) L-awtorità kompetenti għandha tinkoraġġixxi l-involviment attiv tal-partijiet kollha nvoluti fl-implimentazzjoni ta' dawn ir-regolamenti, partikolarment fil-produzzjoni, fir-reviżjoni u fl-aġġornament tal-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma. L-awtorità kompetenti għandha tassigura li, għal kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, hija tippubblika u tagħmel disponibbli għall-kummenti tal-pubbliku, inklużi l-utenti:

(a) *timetable* u programm tax-xogħol għall-produzzjoni tal-pjan, inkluża stqarrija tal-miżuri ta' konsultazzjoni li għandhom jittieħdu, mill-anqas tliet snin qabel il-bidu tal-perijodu li għalih jirreferi l-pjan;

(b) deskrizzjoni fil-qosor temporanja (*interim overview*) tal-kwistjonijiet ta' immaniġġar ta' l-ilma sinifikanti identifikat fil-*catchment* ta' l-ilma, mill-anqas sentejn qabel il-bidu tal-perijodu li għalih jirreferi l-pjan;

(ċ) kopji abbozz tal-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma, mill-anqas sena qabel il-bidu tal-perijodu li għalih

jirreferi l-pjan. Fuq talba, għandu jingħata aċċess għal dokumenti u informazzjoni li fuqhom sar l-iżvilupp ta’ l-abbozz tal-pjan ta’ l-immaniġġar tal-*catchment* ta’ l-ilma.

(2) L-awtorità kompetenti għandha tippermetti mill-anqas sitt xhur biex tikkummenta bil-kitba dwar dawk id-dokumenti biex tippermetti involviment u konsultazzjoni attivi.

(3) Is-subregolamenti (1) u (2) għandhom japplikaw ugwalment għall-pjanijiet ta’ l-immaniġġar tal-*catchment* ta’ l-ilma aġġornati.

Adattazzjonijiet tekniċi għar-regolamenti.

**14.** (1) L-Annessi I, III u l-artiklu 1.3.6 ta’ l-Anness V jistgħu jkunu addottati għal progress xjentifiku u tekniku, waqt li jittieħdu in konsiderazzjoni l-perijodi għar-reviżjoni u l-aġġornament tal-pjanijiet ta’ l-immaniġġar tal-*catchment* ta’ l-ilma kif hemm referenza għalihom fir-regolament 12.

(2) Għall-iskop ta’ trasmissjoni u pproċessar ta’ data, inkluża data statistika u kartografika, formati tekniċi għall-iskop tas-subregolament (1) ta’ hawn qabel jistgħu jkunu addottati skond il-proċeduri stabbiliti f’leġislazzjoni rilevanti.

Azzjonijiet li jistgħu jittieħdu mill-awtorità kompetenti.

**15.** (1) Meta l-awtorità kompetenti tkun tqis li l-kundizzjonijiet relattivi għal permess ma jkunux għadhom adegwati, jew li l-attività awtorizzata bil-permess tkun tippreżenta xi riskju mhux previst minn qabel għall-objettivi ambjentali stipulati fir-regolament 4 ta’ dawn ir-regolamenti, hija tista’:

(a) tibdel il-pattijiet u l-kundizzjonijiet relattivi għall-permess;

(b) tinnotifika avviż ta’ rimedju lid-detentur ta’ permess fejn tiddikjara xi jkunu l-miżuri li jkollhom jittieħdu biex ikun hemm konformità mal-kundizzjonijiet mibdula u biex jitneħħa r-riskju jew il-periklu attwali kif ukoll iż-żmien sa meta għandhom jitlestew dawn il-miżuri:

Iżda l-awtorità kompetenti għandha tinkludi fl-avviż ta’ rimedju tagħha l-miżuri li d-detentur tal-permess għandu jikkonforma ruħu magħhom sabiex jirrimedja s-sitwazzjoni kif ukoll il-perjodu sa meta dawk il-miżuri għandhom jittieħdu.

(ċ) tirrevoka l-permess.

(2) Meta r-riskju mhux previst minn qabel li joriġina minn xi attività awtorizzata b'permess ma jkunx jista' jinbidel b'miżuri taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament, jew meta l-kundizzjonijiet relattivi għal permess ma jkunux għadhom adegwati, l-awtorità kompetenti tista' tissospendi l-permess kollu kemm hu jew f'parti minnu skond ma jkun meħtieġ sabiex jiġi evitat dak ir-riskju, u f'kull każ l-awtorità kompetenti ma tkunx responsabbli li tħallas kwalunkwe kumpens jew li tirrifondi xi ħlasijiet li jkunu tħallsu biex jinżamm il-permess.

(3) Meta l-awtorità kompetenti jkollha għaliex taħseb li d-detentur ta' permess ikun qed jikser, jew x'aktarx ikun se jikser il-kundizzjonijiet relattivi għall-permess tiegħu jew dawn ir-regolamenti b'mod ġenerali, l-awtorità kompetenti tista toħroġ avviż ta' infurzar fejn tispeċifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, il-miżuri li għandhom jittieħdu biex jipprevjenu dak il-ksur u ż-żmien sa meta dawk il-miżuri għandhom jitlestew.

(4) Jekk detentur ta' permess jonqos milli jikkonforma ruħu ma' rimedju jew avviż ta' infurzar, l-awtorità kompetenti tista tirrevoka l-permess kollu kemm hu jew f'parti minnu u tkun hi nnifisha li twettaq l-azzjoni ta' rimedju meħtieġa, filwaqt li tnaqqas l-ispejjeż imġarrba mill-garanzija finanzjarja tad-detentur ta' permess nnifsu.

(5) L-awtorità kompetenti tista' wkoll tara li jseħħu dawk il-miżuri punittivi li jkun hemm speċifikat fil-permess, inkluża l-konfiska ta' kull garanzija finanzjarja jew parti minnha:

Iżda, jekk in-nefqa ta' din l-azzjoni ta' rimedju tkun teċċedi l-garanzija finanzjarja, il-persuna responsabbli għandha tbati l-ispejjeż addizzjonali.

(6) L-azzjoni li tieħu l-awtorità kompetenti taħt subregolamenti (3) u (4) ta' dan ir-regolament ma għandha tkun bla ebda preġudizzju għar-regolamenti 16, 17 u 18.

(7) Għal fini ta' dan ir-regolament, "permess" tfisser kull permess maħruġ mill-Awtorità Kompetenti taħt l-Att ta' l-2000 dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi u, jew l-Att ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, jew kull regolament maħruġ taħthom.

Reati.

**16.** Persuna tkun ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti jekk:

(a) tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew ma' kwalunkwe ordni mogħtija

legalment fit-termini ta' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti; jew

(b) tikser kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni, jew kundizzjoni imposta minn jew taħt dawn ir-regolamenti, jew

(ċ) taġixxi f'kontravenzjoni ta' xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti; jew

(d) tikkonfoffa jew tipprova, jew tgħin, inkella tħeġġeġ kwalunkwe persuna oħra bi kwalunkwe mezz, inklużi riklamar, parir, jew ksib biex tikser il-provvedimenti / id-disposizzjonijiet jew biex tonqos li tikkonforma ma' kwalunkwe minn dawn il-disposizzjonijiet (inkluża kwalunkwe ordni mogħtija legalment fit-termini ta' kwalunkwe disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti) jew biex tikkontravjeni kwalunkwe restrizzjoni, projbizzjoni, jew kundizzjoni imposta minn jew taħt l-imsemmija regolamenti.

**17.** Kull persuna li tagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti, tista'meta tinsab ħatja, teħel: Pieni.

(a) meta tinsab ħatja l-ewwel darba għal multa ta' mhux inqas minn ħames mitt lira Maltija imma li ma taqbiżx l-elfejn lira Maltija;

(b) meta tinsab ħatja t-tieni darba, jew aktar, għal multa ta' mhux inqas minn elfejn lira Maltija, izda mhux aktar minn ħamsa u għoxrin elf lira Maltija jew priġunerija għal żmien mhux izjed minn sitt xhur, jew inkella dik il-multa u priġunerija flimkien:

Iżda l-qorti għandha tordna lil kull persuna li tkun instabet ħatja li tkun għamlet reat kontra dawn ir-regolamenti biex tħallas għall-ispejjeż magħmulin mill-awtorità kompetenti b' riżultat ta' dak ir-reat, ir-revoka tal-permess maħrug mill-awtorità kompetenti u l-konfiska tal-*corpus delicti*.

**18.** (1) Id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 23 u 30 tal-Kodiċi Kriminali għandhom japplikaw, *mutatis mutandis* għall-proċeduri, rigward ir-reati kontra dawn ir-regolamenti, u għalhekk l-iskwalifika tal-pussesss u l-kisba ta' liċenzja, permess jew awtorità ma għandhom fl-ebda każ ma jkunu ta' anqas minn sena. Applikabilità ta' Kap 9.

(2) Minkejja d-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 370 tal-Kodiċi Kriminali, proċedimenti għal offiża kontra dawn ir-

regolamenti għandhom jitressqu l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skond kif ikun il-każ, u għandhom ikunu skond id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali li jirregola l-proċedura quddiem l-imsemmija qrati bħala qrati tal-ġudikatura kriminali.

(3) Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Kodiċi Kriminali, l-Avukat Ġenerali għandu dejjem ikollu d-dritt li jappella lill-Qorti ta' l-Appell Kriminali minn kwalunkwe sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) rigward proċedimenti għal kwalunkwe offiża kontra dawn ir-regolamenti.

ANNESS 1

INFORMAZZJONI MITLUBA GĦAL-LISTA TA' AWTORITÀ KOMPETENTI

L-informazzjoni li ġejja dwar l-awtorità kompetenti kollha għandha tiġi inkluża fil-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

L-isem u l-indirizz ta' l-awtorità kompetenti - l-isem u l-indirizz uffiċċjali ta' l-awtorità identifikata fir-regolament 3.

Firxa ġeografika tad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma - l-ismijiet tax-xmajjar ewlenin fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma flimkien mad-deskrizzjoni preċiża tal-fruntieri tad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma. Din l-informazzjoni trid tkun kemm jista' jkun ottenibbli biex tiddaħħal fis-sistema ta' informazzjoni ġeografika (GIS).

L-istatus legali ta' l-awtorità kompetenti - deskrizzjoni ta' l-istatus legali ta' l-awtorità kompetenti u, fejn rilevanti, sommarju jew kopja ta' l-istatut tagħha, it-trattat tal-fondazzjoni jew dokument legali ekwivalenti, jew l-Att li jistabbillixxi l-Awtorita` rilevanti li ngħadda fil-Parlament.

Responsabbiltajiet - deskrizzjoni tar-responsabbiltajiet legali u amministrattivi ta' kull awtorità kompetenti u tar-rwol tagħha f'kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma.

Sħubija - fejn l-awtorità kompetenti taġixxi bħala korp kordinatur għal awtorità kompetenti oħra, hija meħtieġa lista ta' dawn il-korpi, flimkien ma' sommarju tar-relazzjonijiet istituzzjonali stabbiliti biex jassiguraw kordinazzjoni.

ANNESS II

# 1. ILMIJIET TAL- WIĊĊ

Karatterizzazzjoni ta' tipi tal-korp ta' l-ilma tal-wiċċ

L-awtoritità kompetenti għandha tidentifika l-lokalità u l-fruntieri ta' korpi ta' l-ilma tal-wiċċ u għandha twettaq karatterizzazzjoni inizjali tat-tali korpi kollha skond il-metodoloġija li ġejja. L-awtorità kompetenti tista' tiggruppja korpi ta' l-ilma tal-wiċċ flimkien għall-iskop tal-karatterizzazzjoni inizjali:

(i) il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma għandhom ikunu identifikati bħala li jaqgħu jew f'waħda mill-kategoriji ta' ilma tal-wiċċ li ġejjin - xmajjar, lagi, ilmijiet transizzjonali jew ilmijiet kostali - jew bħala korpi ta' l-ilma tal-wiċċ artifiċjali jew korpi ta' l-ilma tal-wiċċ modifikata bil-kbir;

(ii) għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ, il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ rilevanti fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma għandhom ikunu ddifferenzjati skond it-tip. Dawn it-tipi huma dawk definiti bl-użu tas-'sistema A' jew tas-'sistema B' identifikati fis-sezzjoni 1.2;

(iii) jekk tintuża s-sistema A, il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma għandhom ikunu ddifferenzjati skond it-tipi tal-korp ta' l-ilma tal-wiċċ skond id-deskritturi stabbiliti fit-tabelli għas-sistema A;

(iv) jekk tintuża s-sistema B, l-awtorità kompetenti għandha tikseb ta' l-inqas l-istess grad ta' differenzazzjoni li kieku tinkiseb bl-użu tas-sistema A. Hekk ukoll, il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ tad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma għandhom ikunu ddifferenzjati f'tipi bl-użu tal-valuri tad-deskritturi obbligatorji u tali deskritturi opzjonali, jew kombinazzjonijiet ta' deskritturi, kif ikun meħtieġ biex ikun assigurat li l-kundizzjonijiet ta' riferenza bioloġika speċifika ta' tip tista' tkun derivata b'mod ta' min jorbot fuqha;

(v) għal korpi ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali jew immodifikati bil-kbir id-differenzazzjoni għandha titwettaq skond id-deskritturi li għalihom il-kategoriji ta' l-ilma tal-wiċċ l-aktar li jixbaħ lill-korp ta' l-ilma tal-wiċċ modifikat bil-kbir jew lil dak artifiċjali konċernat;

(vi) l-awtoritità kompetenti għandha toħloq mappa jew mapep (f'format GIS) ta' l-allokazzjoni ġeografika tat-tipi konsistenti mal-grad ta' differenzazzjoni mitluba fis-sistema A.

## 1.2 **Ekoreġjuni u tipi ta' korpi ta' ilma tal-wiċċ**

### 1.2.1 Xmajjar

*Sistema A*

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | L-Italja, Korsika u Malta |

| | |
|---|---|
| Tip | Tipoloġija ta' l-altitudni<br>Għoli nofsani: bejn 200 u 800m<br>Art baxxa:< 200m<br><br>Tipoloġija tad-daqs ibbażata fuq l-inħawi tal-*catchment*<br>żgħira: 10 sa 100 km2<br><br>Geoloġija<br>Kalċerarja (tal-ġir) |

**Sistema B**

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tax-xmara jew parti minnha, u għalhekk l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni bioloġika |
| Fatturi obbligatorji | Altitudni<br>latitudni<br>lonġitudni<br>ġeoloġija<br>daqs |
| Fatturi opzjonali | distanza mis-sors tax-xmara<br>l-enerġija ta' l-inżul (funzjoni ta' l-inżul u l-qlib)<br>il-wisgħa medja ta' l-ilma<br>il-fond medju ta' l-ilma<br>il-qlib medju ta' l-ilma<br>il-forma u l-forma tas-sodda ewlenija tax-xmara<br>il-kategorija tal-ħruġ tax-xmara (l-inżul)<br>il-forma tal-wied<br>trasport ta' solidi<br>kapaċità ta' newtralizzazzjoni ta' l-aċidu<br>il-kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>kloru<br>it-temperatura medja ta' l-arja<br>preċipitazzjoni |

1.2.2 Lagi

**Sistema A**

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | L-Italja, Korsika, u Malta |
| Tip | Tipoloġija ta' l-għoli<br>għoli nofsani: bejn 200 u 800 m<br>art baxxa: < 200m<br><br>Tipoloġija tal-fond ibbażata fuq il-fond medju<br>< 3 m<br>3 sa 15-il m |

| | |
|---|---|
| | > 15-il m<br><br>Tipoloġija tad-daqs ibbażata fuq id-daqs tal-wiċċ<br>0.5 sa 1 $km^2$<br>1 sa 10 $km^2$<br><br>Ġeoloġija<br>kalċerarja |

Sistema B

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni Alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi tal-lag u għalhekk anki l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni bioloġika |
| Fatturi obbligatorji | Altitudni<br>latitudni<br>lonġitudni<br>fond<br>ġeoloġija<br>daqs |
| Fatturi opzjonali | fond medju ta' l-ilma<br>forma tal-lag<br>ħin ta' residenza<br>temperatura medja ta' l-arja<br>firxa tat-temperatura ta' l-arja<br>karatteristiċi tat-taħlit (eżempju monomiktiku, dimiktiku, polimiktiku)<br>kapaċità li tinnewtralizza l-aċidu<br>status ta' l-isfond tan-nutrijienti<br>kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>fluttwazzjoni tal-livell ta' l-ilma |

1.2.3.Ilmijiet Transizzjonali

**Sistema A**

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Il-Baħar Mediterran |
| Tip | Ibbażat fuq is-salinità medja annwali<br>< 0.5%: ilma tajjeb<br>0.5 sa < 5%: *oligohaline*<br>5 sa < 18%: *mesohaline*<br>18 sa < 30%: *polyhaline*<br>30 sa < 40%: *euhaline*<br><br>Ibbażat fuq il-firxa medja tat-*tides*<br>< 2 m: mikrotidali |

ħġċż

**Sistema B**

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni Alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' l-ilma transizzjonali u għalhekk l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-popolazzjoni bijoloġika |
| Fatturi obligatorji | latitudni<br>lonġitudini<br>firxa tat-tide<br>salinità |
| Fatturi opzjonali | fond<br>veloċità tal-kurrent<br>espożizzjoni tal-mewġ<br>ħin ta' residenza<br>temperatura medja ta' l-ilma<br>karatteristiċi tat-taħlit<br>turbidità<br>kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>forma<br>firxa tat-temperatura ta' l-ilma |

1.2.4. Ilmijiet Kostali

Sistema A

| Tipoloġija fissa | Deskritturi |
|---|---|
| Ekoreġjun | Il-Baħar Mediterran |
| Tip | Ibbażat fuq is-salinità medja annwali<br>< 0.5%: ilma tajjeb<br>0.5 sa < 5%: *oligohaline*<br>5 sa < 18%: *mesohaline*<br>18 sa < 30%: *polyhaline*<br>30 sa < 40%: *euhaline*<br><br>Ibbażat fuq il-fond medju<br>ilmijiet baxxi: < 30 m<br>intermedji: (30 sa 200 m)<br>fondi: > 200 m |

Sistema B

| | |
|---|---|
| Karatterizzazzjoni Alternattiva | Fatturi fiżiċi u kimiċi li jiddeterminaw il-karatteristiċi ta' l-ilmijiet kostali u għalhekk l-istruttura u l-kompożizzjoni tal-komunità bijoloġika |
| Fatturi obligatorji | latitudni<br>lonġitudini<br>firxa tat-*tide*<br>salinità |
| Fatturi opzjonali | veloċità tal-kurrent<br>espożizzjoni tal-mewġ<br>temperatura medja ta' l-ilma |

| | |
|---|---|
| | karatteristiċi tat-taħlit<br>turbidità<br>ħin ta' retenzjoni (ta' bajjiet magħluqa)<br>kompożizzjoni medja tas-sottostrat<br>firxa tat-temperatura ta' l-ilma |

1.3. Holqien ta' kundizzjonijiet ta' riferenza tat-tip-speċifiku għal tipi ta' korp ta' l-ilma tal-wiċċ

(i) Għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ ikkaratterizzat skond is-sezzjoni 1.1, kundizzjonijiet idromorfoloġiċi u fiżikokimiċi ta' tip-speċifiku għandhom ikunu stabbiliti li jirrappreżentaw il-valuri ta' l-elementi ta' kwalità idromorfoloġiċi u fiżikokimiċi speċifikati fil-punt 1.1 fl-Anness V għal dak il-korp ta' l-ilma tal-wiċċ fi status ekoloġiku għoli kif iddefinit fit-tabella rilevanti fil-punt 1.2 fl-Anness V. Kundizzjonijiet ta' riferenza bioloġika għal tip-speċifikat għandha tkun stabbilita li tirrappreżenta l-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bioloġika speċifikati fil-punt 1.1 ta' l-Anness V għal dak it-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ fi status ekoloġiku għoli kif iddefinit fit-tabella rilevanti fis-sezzjoni 1.2 fl-Anness V.

(ii) Fl-applikazzjoni tal-proċeduri stabbiliti f'din is-sezzjoni għal korpi ta' ilma tal-wiċċ modifikati sewwa u artifiċjali riferenzi għal status ekoloġiku għoli għandhom ikunu meqjusa bħala riferenza għall-potenzjal ekoloġiku massimu kif iddefinit fit-tabella 1.2.5 ta' l-Anness V. Il-valuri għal potenzjali ekoloġiku massimu ta' korp ta' ilma għandu jkun rivedut kull sitt snin.

(iii) Kundizzjonijiet ta' tip-speċifiku għall-iskopijiet tal-punti (i) u (ii) u kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku jistgħu jkunu jew ibbażati spazjalment jew ibbażati fuq immudellar, jew jistgħu jkunu derivati bl-użu ta' kombinazzjoni ta' dawn il-metodi. Fejn mhux possibbli li jintużaw dawn il-metodi, l-awtorità kompetenti tista' tuża ġudizzju espert biex tistabbilixxi tali kundizzjonijiet. Fid-definizzjoni ta' status ekoloġiku għoli rigward il-konċentrati ta' pollutanti sintetiċi speċifiċi, il-limiti ta' detenzjoni huma dawk li jistgħu jinkisbu skond it-teknika taż-żmien meta jkunu se jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet tat-tip-speċifiku.

(iv) Għal kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku ibbażati spazjalment, l-awtorità kompetenti għandha tiżviluppa netwerk ta' referenza għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ. In-network għandu jkun fih numru suffiċjenti ta' siti ta' status għoli biex jipprovdi livell suffiċjenti ta' fiduċja dwar il-valuri għall-kundizzjonijiet ta' referenza, mogħtija l-varjabilità fil-valuri ta' l-elementi ta' kwalità korrispondenti għal status ekoloġiku għoli għal dak it-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ u t-teknika ta' immudellar li għandhom ikunu applikati skond il-paragrafu (v).

(v) Kundizzjonijiet ta' referenza bioloġika ta' tip-speċifiku bbażati fuq immudellar, jistgħu jkunu derivati bl-użu jew ta' mudelli predittivi inkella b'metodi ta' *hindcasting*. Il-metodi għandhom jużaw data storika, paleoloġika u data oħra disponibbli u għandhom jipprovdu livell suffiċjenti ta' fiduċja dwar il-valuri għall-kundizzjonijiet ta' referenza biex jassiguraw li l-kundizzjonijiet hekk derivati huma konsistenti u validi għal kull tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ.

(vi) Fejn mhux possibbli li jkunu stabbiliti kundizzjonijiet ta' referenza ta' tip-speċifiku ta' min jorbot fuqhom għal element ta' kwalità f'tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ dovut minħabba gradi għoljin ta' varjabbilità naturali f'dak l-element, mhux sempliċement bħala riżultat ta' varjazzjonijiet staġjonali, allura dak l-element jista' jkun eskluż mill-assessjar ta' l-istatus ekoloġiku għal dak it-tip ta' ilma tal-wiċċ. F'tali ċirkustanzi l-awtorità kompetenti għandha tagħti r-raġunijiet għal din l-esklużjoni fil-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

## 1.3 Identifikazzjoni ta' Pressjonijiet

L-awtorità kompetenti għandha tiġbor u żżomm informazzjoni dwar it-tip u s-saħħa ta' pressjonijiet antropoġeniċi sinifikanti li huma jistgħu jkunu suġġetti għalihom il-korpi ta' l-ilma tal-wiċċ f'kull distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, partikularment dawn li ġejjin:

Stima u identifikazzjoni ta' mnejn jibda sors ta' inkwinament sinifikanti, partikularment b'sustanzi elenkati fl-Anness VIII, minn istallazzjonijiet u attivitajiet urbani, industrijali, agrikoli, u oħrajn, ibbażati, fost oħrajn, fuq informazzjoni miġbura taħt:

(i) ir-regolament 14 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar it-Trattament ta' Ilma Urban Mormi, 2001 (A.L. 340 ta' l-2001) u programmi ppubblikati sussegwentement għal dawn ir-regolamenti;

(ii) ir-regolamenti 15, 22, u 23 tar-Regolamenti ta' l-2002 għall-Prevenzjoni u l-Kontroll Integrati tat-Tniġġis (A.L. 234 ta' l-2002);

u għall-iskopijiet tal-pjan inizjali ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma:

(iii) ir-regolament 11 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar it-Tniġġis Kaġunat bl-Iskargar ta' Ċerti Sustanzi Perikolużi fl-Ambjent ta' l-Ilma (A.L. 213 ta' l-2001); u

(iv) ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kwalità meħtieġa fl-Ilma tal-Wiċċ biex minnu jsir l-Ilma għax-Xorb (A.L. 339 ta' l-2001), ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kwalità ta' l-Ilma li tista' tgħum fih (A.L. 380 ta' l-2003), ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien u t-Titjib tal-Kwalita` ta' l-Ilma Ħelu li Jsostni l-Ħajja tal-Ħut (A.L. 342 ta' l-2001), u r-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kwalità meħtieġa fl-Ilma fejn jikber il-Frott tal-Baħar bil-Qoxra (*shellfish*) (A.L. 341 ta' l-2001).

Stima u identifikazzjoni ta' tixrid ta' inkwinament tas-sors sinifikanti, partikularment minn sustanzi elenkati fl-Anness VIII, minn istallazzjonijiet u attivitajiett urbani, industrijali, agrikoli, u oħrajn; ibbażati, fost oħrajn, fuq informazzjoni miġbura taħt:

(i) ir-regolamenti 4, 6, u 7 tar-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien ta' l-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin nill-Biedja (A.L. 343 ta' l-2001);

(ii) l-Artikoli 7 u 17 tad-Direttiva 91/414/KEE;

(iii) id-Direttiva 98/8/KE;

u għall-iskopijiet ta' l-ewwel pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma:

(iv) ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kwalità meħtieġa fl-Ilma tal-Wiċċ biex minnu jsir l-Ilma tax-Xorb (A.L. 339 ta' l-2001), ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Ħarsien u t-Titjib tal-Kwalita` ta' l-Ilma Ħelu li Jsostni l-Ħajja tal-Ħut (A.L. 342 ta' l-2001), ir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Kwalita` ta' l-Ilma li tista tgħum fih (A.L. 380 ta' l-2003), u r-Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kwalità meħtieġa fl-Ilma fejn jikber il-Frott tal-Baħar bil-Qoxra (*shellfish*) (A.L. 341 ta' l-2001).

Stima u identifikazzjoni ta' astrazzjoni ta' ilma sinifikanti għal użu urban, industrijali, agrikolu, u oħrajn, inklużi varjazzjonijiet staġjonali u domanda totali annwali, u telf ta' ilma fis-sistema tad-distribuzzjoni.

Stima u identifikazzjoni ta' l-impatt tar-regolamentazzjoni tat-tnixxija ta' l-ilma sinifikanti, inkluż trasferiment u devjazzjoni ta' l-ilma , fuq il-karatteristiċi tat-tnixxija in ġenerali u l-bilanċi ta' l-ilma.

Identifikazzjoni ta' alterazzjonijiet morfoloġiċi sinifikanti fil-korpi ta' l-ilma.

Stima u identifikazzjoni ta' impatti antropoġeniċi sinifikanti oħra fuq l-istatus ta' l-ilmijiet tal-wiċċ.

Stima tal-mudelli ta' l-użu ta' l-art inkluża l-identifikazzjoni ta' inħawi prinċipali urbani, industrijali, u agrikoli u, fejn rilevanti, il-meded ta' baħar fejn jinqabad il-ħut għall-kummerċ u l-foresti.

1.5. **Assessjar ta' l-Impatt**

L-awtorità kompetenti għandha twettaq assessjar tas-suxxettibilità ta' l-istatus ta' l-ilma tal-wiċċ ta' korpi għall-pressjonijiet individwati hawn qabel.

L-awtorità kompetenti għandha tuża l-informazzjoni miġbura hawn qabel, u kwalunkwe informazzjoni oħra rilevanti inkluża data ta' moniteraġġ ambjentali eżistenti, biex twettaq assessjar tal-probabbiltà li l-korpi ta' l-ilmijiet tal-wiċċ tad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma jonqsu li jilħqu l-oġġettivi ta' kwalità ambjentali stabbiliti għal korpi fir-regolament 4. L-awtorità kompetenti tista' tutilizza teknika ta' immudellar biex tgħinhom f'dan l-assessjar.

Għal dawk il-korpi identifikati bħala li huma f'riskju li jilħqu l-oġġettivi ta' kwalità ambjentali, aktar karatterizzazzjoni għandha, fejn rilevanti, tkun imwettqa biex tottimizza id-disinn sew tal-programmi ta' moniteraġġ meħtieġa skond ir-regolament 8, kif ukoll tal-programmi ta' miżuri meħtieġa fir-regolament 11.

2. ILMIJIET TA' TAĦT L-ART

2.1 **Karatterizzazzjoni inizjali**

L-awtorità kompetenti għandha twettaq karatterizzazzjoni inizjali tal-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art kollha biex tassessja l-użi tagħhom u sa liema grad huma fir-riskju li jonqsu li jilħqu l-oġġettivi għal kull korp ta' l-ilma ta' taħt l-art skond ir-regolament 4. L-awtorità kompetenti tista' tiggruppja l-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art flimkien għall-iskopijiet tal-karatterizzazzjoni inizjali. Din l-analiżi tista' tuża data

eżistenti idroloġika, ġeoloġika, pedoloġika, użu ta' l-art, tnixxija, astrazzjoni, u data oħra imma għandha tidentifika:

- l-allokazzjoni u l-fruntieri tal-korp jew korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art,
- il-pressjonijiet li għalihom huwa probabbli li jkunu suġġetti l-korp jew korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art inklużi:
- sorsi ta' diffużjoni ta' inkwinament,
- astrazzjoni,
- ri-iċċarġjar artifiċjali,
- il-karattru ġenerali ta' l-istrata ta' fuq fl-inħawi tal-*catchment* li minnu l-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art jirċievi r-ri-iċċarġjar tiegħu,
- dawk il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art li għalihom hemm ekosistemi jew ekosistemi terrestri ta' ilma tal-wiċċ direttament dipendenti fuqhom.

## 2.2 Aktar Karatterizzazzjoni

In segwitu għall-karatterizzazzjoni inizjali, l-awtorità kompetenti għandha twettaq aktar karatterizzazzjoni ta'dawk il-korpi jew gruppi ta' korpi ta' ilma ta' taħt l-art li jkunu ġew identifikati li huma f'riskju biex tistabbilixxi assessjar aktar preċiż tas-sinifikat ta' tali riskju u l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżuri li għandhom ikunu meħtieġa taħt ir-regolament 11. Għal din ir-raġuni, din il-karatterizzazzjoni għandha tinkludi informazzjoni rilevanti dwar l-impatt ta' attività umana u, fejn rilevanti, informazzjoni dwar:

- karatteristiċi ġeoloġiċi tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art li jinkludi l-estent u t-tip ta' units ġeoloġiċi,

- karatteristiċi idroġeoloġiċi tal-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art inkluża l-konduttività idrawlika, il-porożità, u l-konfinament,

- karatteristiċi ta' depożiti superfiċjali u ħamrija fil-*catchment* minn fejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art jirċievi r-ri-iċċarġjar tiegħu, inklużi l-ħxuna, il-porożità, il-konduttività idrawlika, u l-proprjetajiet assorbattivi tad-depożiti u l-ħamrija,

- karatteristiċi ta' l-istratifikazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art fil-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art,

- inventarju ta' sistemi assoċjati tal-wiċċ, inklużi ekosistemi u korpi terrestri ta' ilma tal-wiċċ, li miegħu huwa marbut b'mod dinamiku l-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art,

- stimi tad-direzzjonijiet u r-rati tal-bdil ta' l-ilma bejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art u s-sistemi assoċjati tal-wiċċ,

- data suffiċjenti biex tkun ikkalkulata r-rata medja annwali għal tul ta' żmien tar-ri-iċċarġjar kollu,

- karatterizzazzjoni tal-kompożizzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-art, inkluża speċifikazzjoni tal-kontribuzzjonijiet minn attività umana. L-awtorità kompetenti tista' tuża tipoloġiji għall-karatterizzazzjoni ta' l-ilma ta' taħt l-

art meta tistabbilixxi l-livelli ta' l-isfond naturali għal dawn il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art.

2.3. **Reviżjoni ta' l-impatt ta' l-attività umana fuq l-ilmijiet ta' taħt l-art**

Għal dawk il-korpi ta' ilma ta' taħt l-art li huma identifikati wara li ssir il-karatterizzazzjoni inizjali skond il-paragrafu 2.1 bħala li huma f'riskju li jonqsu li jilħqu l-oġġettivi stabbiliti għal kull korp skond ir-regolament 4, l-informazzjoni li ġejja, fejn rilevanti, għandha tkun miġbura u mantenuta għal kull korp ta' ilma ta' taħt l-art:

(a) l-allokazzjoni ta' punti fil-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art użati għall-astrazzjoni ta' l-ilma bl-eċċezzjoni ta:

- punti għall-astrazzjoni ta' ilma li jipprovdi inqas mill-medja ta' 10 $m^3$ kuljum, jew,

- punti ta' astrazzjoni ta' ilma intiż għal konsum uman li jipprovdi inqas mill-medja ta' 10 $m^3$ kuljum, jew li jservi inqas minn 50 persuna,

(b) ir-rati medji annwali ta' astrazzjoni minn dawn il-punti,

(ċ) il-kompożizzjoni kimika ta' ilma astratt mill-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art,

(d) l-allokazzjoni ta' punti fil-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art li fihhom jintefa' direttament l-ilma,

(e) ir-rati ta' ħruġ f'tali punti,

(f) il-kompożizzjoni kimika ta' ħruġ fil-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art, u

(g) l-użu ta' l-art fil-*catchment* jew *catchments* minn fejn il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art jirċievi r-ri-iċċarġjar tiegħu, inklużi d-dħul ta' pollutanti u alterazzjonijiet antropoġeniċi fil-karatteristiċi tar-ri-iċċarġjar bħalma huma ilma tax-xita u diverżjoniji ta' ilmijiet oħra bħala kawża ta' issiġillar ta' l-art, ri-iċċarġjar artifiċjali, bini ta' digi, jew drenaġġ.

2.4. **Reviżjoni ta' l-impatt ta' bdil fil-livelli ta' l-ilma ta' taħt l-art**

L-awtorità kompetenti għandha wkoll tidentifika dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li għalhom huma speċifikati oġġettivi aktar baxxi skond ir-regolament 4 u tinkludi bħala riżultat ta' kunsiderazzjoni ta' l-effetti ta' l-istatus tal-korp fuq:

(i) ilma tal-wiċċ u ekosistemi terrestri assoċjati,

(ii) regolazzjoni ta' l-ilma, protezzjoni mill-għargħar, u iddrenjar ta' l-art,

(iii) żvilupp uman.

2.5. **Reviżjoni ta' l-impatt ta' l-inkwinament fuq il-kwalità ta' l-ilma ta' taħt l-art**

L-awtorità kompetenti għanda tidentifika dawk il-korpi ta' l-ilma ta' taħt l-art li

għalihom għandhom ikunu speċifikati oġġettivi aktar baxxi skond ir-regolament 4 fejn, bħala riżultat ta' l-impatt ta' attività umana, kif iddeterminat skond ir-regolament 5, il-korp ta' l-ilma ta' taħt l-art huwa tant inkwinat li li tikseb status kimiku tajjeb ta' ilma ta' taħt l-art huwa impossibbli jew jiġi jqum wisq.

# ANNESS III

## ANALIŻI EKONOMIKA

L-analiżi ekonomika għandu jkun fiha biżżejjed informazzjoni f'dettalji suffiċjenti (waqt li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-ispejjeż assoċċjati mal-ġbir tad-data rilevanti) biex:

(a) isiru l-kalkoli rilevanti meħtieġa biex jittieħed in kunsiderazzjoni, skond ir-regolament 9, il-prinċipju ta' l-irkupru ta' l-ispejjeż tas-servizzi ta' l-ilma, waqt li jittieħdu in kunsiderazzjoni l-pronostiċi għal tul ta' żmien tas-suppliment u d-domanda għall-ilma fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma u, fejn meħtieġ:

- stimi tal-volum, tal-prezzijiet, u ta' l-ispejjeż assoċjati mas-servizzi ta' l-ilma, u

- stimi ta' investimenti rilevanti inklużi pronostiċi ta' tali investimenti;

(b) isiru ġudizzji dwar kombinazzjoni tal-miżuri l-aktar effettivi fil-prezz rigward l-użi ta' l-ilma li għandhom ikunu nklużi fil-programm ta' miżuri tar-regolament 11 ibbażati fuq stimi ta' spejjeż potenzjali ta' tali miżuri.

# ANNESS IV

***INĦAWI PROTETTI***

1. Ir-reġistru ta' nħawi protetti mitlub fir-regolament 6 għandu jinkludi t-tipi ta' nħawi protetti li ġejjin:

(i) inħawi magħżula għall-astrazzjoni ta' ilma intenzjonat għall-konsum uman skond ir-regolament 7;

(ii) inħawi magħżula għall-protezzjoni ta' speċi akwatiċi ekonomikament b'mod sinifikanti;

(iii) korpi ta' ilma magħżula bħala ilmijiet rikrejattivi, inklużi nħawi magħżula bħala ilmijiet għall-għawm;

(iv) inħawi sensittivi għan-nutrijenti, inklużi nħawi indikati bħala żoni vulnerabbli skond ir-Regolamenti ta' l-2001 il-Ħarsien ta' l-Ilma mit-Tniġġis kaġunat b'Nitrati ġejjin mill-Biedja (A.L. 343 ta' l-2001), u nħawi indikati bħala nħawi sensittivi skond ir-Regolamenti ta' l-2001 dwar ir-Trattament ta' Ilma Urban Mormi (A.L. 340 ta' l-2001); u

(v) inħawi indikati għall-protezzjoni ta' ħabitats jew speċi fejn il-manteniment jew il-miljorament ta' l-istatus ta' l-ilma huwa fattur importanti fil-protezzjoni tagħhom, inklużi siti relevanti li huma mħarrsa fir-Regolamenti ta' l-2003 dwar il-Protezzjoni tal-Flora, Fawna u Abitati Naturali (A.L. 257 ta' l-2003) u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar il-Ħarsien ta' l-Għasafar u tal-Fenek Selvaġġ (A.L. 146 ta' l-1993).

2. Is-sommarju tar-reġistru mitlub bħala parti mill-pjan ta' l-immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma irid jinkludi mapep li jindikaw l-allokazzjoni ta' kull erja protetta u deskrizzjoni tal-leġislazzjoni li skondha dawn ġew indikati.

# ANNESS V

1. STATUS TA' L-ILMA TAL-WIĊĊ

1.1 **Elementi ta' kwalità għall-klassifikazzjoni ta' status ekoloġiku**
1.1.1. Xmajjar
1.1.2. Lagi
1.1.3. Ilmijiet transizzjonali
1.1.4. Ilmijiet kostali
1.1.5. Korpi ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali u modifikati sewwa

1.2. **Definizzjonijiet normattivi ta' klassifikazzjonijiet ta' status ekoloġiku**
1.2.1. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fix-xmajjar
1.2.2. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fil-lagi
1.2.3. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fl-ilmijiet transizzjonali
1.2.4. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat fl-ilmijiet kostali
1.2.5. Definizzjonijiet għal potenzjal ekoloġiku massimu, tajjeb, u moderat għal korpi ta' ilmijiet modifikati sewwa jew artifiċjali
1.2.6. Proċedura għall-issettjar ta' standards ta' kwalità kimika mill-awtorità kompetenti

1.3 **Moniteraġġ ta' l-istatus ekoloġiku u ta' l-istatus kimiku għall-ilmijiet tal-wiċċ**
1.3.1. Pjan ta' moniteraġġ tas-sorveljanza
1.3.2. Pjan ta' moniteraġġ operazzjonali
1.3.3. Pjan ta' moniteraġġ investigattiv
1.3.4. Frekwenza ta' moniteraġġ
1.3.5. Kundizzjonijiet ta' moniteraġġ addizzjonali għal inħawi protetti
1.3.6. Standards ta' moniteraġġ ta' elementi ta' kwalità

1.4. **Klassifikazzjoni u preżentazzjoni ta' status ekoloġiku**
1.4.1 Komparabbilità tar-riżultati ta' moniteraġġ bioloġiku
1.4.2 Preżentazzjoni ta' riżultati u klassifika ta' status ekoloġiku u potenzjal ekoloġiku
1.4.3 Preżentazzjoni ta' riżultati u klassifika ta' moniteraġġ ta' status kimiku

2. ILMA TA' TAĦT L-ART

2.1 **Status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art**
2.1. 1. Parametru għall-klassifikazzjoni ta' status kwantitattiv
2.1.2. Definizzjoni ta' status kwantitattiv

2.2. **Moniteraġġ ta' status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art**
2.2.1. Netwerk ta' moniteraġġ tal-livell ta' ilma ta' taħt l-art
2.2.2. Densità tas-siti tal-moniteraġġ
2.2.3. Frekwenza tal-moniteraġġ
2.2.4. Interpretazzjoni u preżentazzjoni ta' l-istatus kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art

2.3. **Status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art**
2.3.1. Parametri għad-determinazzjoni ta' status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art
2.3.2. Definizzjoni ta' status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art tajjeb

2.4. **Moniteraġġ ta' status kimiku ta' ilma ta' taħt l-art**
2.4.1. Netwerk ta' moniteraġġ ta' ilma ta' taħt l-art
2.4.2. Moniteraġġ ta' sorveljanza
2.4.3. Moniteraġġ operazzjonali
2.4.4. Identifikazzjoni ta' *trends* f'pollutanti
2.4.5. Interpretazzjoni u preżentazzjoni ta' status kimiku ta' ilma tal-wiċċ

2.5. **Preżentazzjoni ta' status ta' ilma ta' taħt l-art**

## 1. STATUS TA' ILMA TAL-WIĊĊ

### 1.1. Elementi ta' kwalità għall-klassifika ta' status ekoloġiku

1.1.1. Xmajjar

*Elementi bioloġiċi*
Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akwatika
Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna invertebrata bentika
Struttura tal-kompożizzjoni, ta' l-abbundanza u ta' l-età tal-fawna tal-ħut

*Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*
Reġim idroloġiku
kwantità u dinamika tat-tnixxija ta' ilma
konnessjoni ma' korpi ta' ilma ta' taħt l-art
Kontinwità tax-xmara
Kundizzjonijiet morfoloġiċi
varjazzjoni tal-fond u l-wisa' ta' xmara
struttura u l-wiċċ tal-qiegħ ta' xmara
struttura taż-żona riparjana (tax-xatt ta' madwar xmara)

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*
Kundizzjonijiet termali
Kundizzjonijiet ossiġenali
Salinità
Status ta' aċidifikazzjoni
Kundizzjonijiet nutrittivi

***Pollutanti speċifiċi***
Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qed joħorġu fil-korp ta' ilma
Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qed joħorġu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' ilma

1.1.2. Lagi

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza, u bijomassa tal-fitoplankton
Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora oħra akwatika
Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna invertebrata bentika
Struttura tal-kompożizzjoni, ta' l-abbundanza, u ta' l-età tal-fawna tal-ħut

*Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

Reġim idroloġiku
- kwantità u dinamika ta' tnixxija ta' ilma
- żmien ta' residenza
- konnessjoni ma' korpi ta' ilma ta' taħt l-art

Kundizzjonijiet morfoloġiċi
- varjazzjoni tal-fond ta' lag
- kwantità, struttura, u l-wiċċ tal-qiegħ ta' lag
- struttura tax-xatt ta' lag

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza
Kundizzjonijiet termali
Kundizzjonijiet ossiġenali
Salinità
Status ta' aċidifikazzjoni
Kundizzjonijiet nutrittivi

***Pollutanti speċifiċi***

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qed joħorġu fil-korp ta' ilma
Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qed joħorġu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' ilma

1.1.3. Ilmijiet Transizzjonali

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza, u bijomassa tal-fitoplankton
Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akwatika
Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna invertebrata bentika
Kompożizzjoni u abbundanza ta' fawna ta' ħut

*Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

Kundizzjonijiet morfoloġiċi
- varjazzjoni tal-fond
- kwantità, struttura, u wiċċ tal-qiegħ
- struttura taż-żona *intertidal*

Reġim *tidal*
- tnixxija ta' ilma tajjeb
- espożizzjoni għall-mewġ

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza
Kundizzjonijiet termali
Kundizzjonijiet ossiġenali
Salinità
Kundizzjonijiet nutrittivi

***Pollutanti speċifiċi***

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fil-korp ta' ilma

Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' ilma

1.1.4. Ilmijiet kostali

*Elementi bioloġiċi*

Kompożizzjoni, abbundanza, u biomassa tal-fitoplankton
Kompożizzjoni u abbundanza ta' flora akwatika oħra
Kompożizzjoni u abbundanza tal-fawna invertebrata bentika

*Elementi idromorfoloġiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

Kundizzjonijiet morfoloġiċi
varjazzjoni tal-fond
struttura u wiċċ tal-qiegħ kostali
struttura taż-żona *intertidal*

Reġim *tidal*
direzzjoni ta' kurrenti dominanti
espożizzjoni għall-mewġ

*Elementi kimiċi u fiżiko-kimiċi li jissapportjaw l-elementi bioloġiċi*

*Ġenerali*

Trasparenza
Kundizzjonijiet termali
Kundizzjonijiet ossiġenali
Salinità
Kundizzjonijiet nutrittivi

***Pollutanti speċifiċi***

Inkwinament mis-sustanzi kollha prijoritarji identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fil-korp ta' ilma

Inkwinament minn sustanzi oħra identifikati bħala li qegħdin jintefgħu fi kwantitajiet sinifikanti fil-korp ta' ilma

1.1.5. Korpi ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali u modifikati sewwa

L-elementi ta' kwalità applikabbli għal korpi ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali u modifikati sewwa għandhom ikunu dawk applikabbli għal liema mill-erba' kategoriji ta' ilma tal-wiċċ naturali ta' hawn fuq l-aktar jixbħu mill-qrib lill-korp konċernat ta' ilma tal-wiċċ artifiċjali jew modifikat sewwa.

## 1.2. **Definizzjonijiet normattivi ta' klassifikazzjonijiet ta' status ekoloġiku**

Tabella 1.2. *Definizzjoni ġenerali għal xmajjar, lagi, ilmijiet transizzjonali, u ilmijiet kostali*

It-test li ġej jipprovdi definizzjoni ġenerali ta' kwalità ekoloġika. Għall-iskopijiet ta' klassifika, il-valuri għall-elementi ta' kwalità ta' status ekoloġiku għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ huma dawk mogħtija fit-tabelli 1.2.1. sa 1.2.4 hawn hawn taħt.

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Ġenerali | M'hemm ebda, jew ftit tassew biss, alterazzjonijiet antropoġeniċi għall-valuri ta' elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi u idromorfoloġiċi għat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ minn dawk normalment assoċjati ma' dak it-tip taħt kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bioloġiċi għall-korp ta' ilma tal-wiċċ jirriflettu dawk normalment assoċjati ma' dak it-tip taħt kundizzjonijiet mhux disturbati, u ma juru ebda, jew inkella ftit tassew, evidenza ta' distorsjoni.<br>Dawn huma l-kundizzjonijiet u l-komunitajiet speċifiċi tat-tip. | Il-valuri ta' l-elementi tal-kwalità bioloġika għal tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ juru livelli baxxi ta' distorsjoni li tirriżulta minn attività umana, imma jiddevjaw kemmxejn biss minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bioloġika għat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ jiddevjaw moderatament minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux disturbati. Il-valuri juru sinjali moderati ta' distorsjoni li jirriżultaw minn attività umana u huma sinifikantament aktar disturbati minn taħt kundizzjonijiet ta' status tajjeb. |

Ilmijiet li jiksbu status taħt (livell) moderat ikunu kklassifikati bħal 'fqar' jew 'ħżiena'.

Ilmijiet li juru evidenza ta' alterazzjonijiet maġġuri għall-valuri ta' elementi ta' kwalità bijoloġika għal tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ u li fihom il-komunitajiet bijoloġiċi rilevanti jiddevjaw sostanzjalment minn dawk normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux disturbati, għandhom ikunu kklassifikati bħala 'foqra'.

Ilmijiet li juru evidenza ta' alterazzjonijiet severi għall-valuri ta' elementi ta' kwalità bijoloġika għal tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ u li fih porzjonijiet kbar tal-komunitajiet bijoloġiċi rilevanti normalment assoċjati mat-tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ taħt kundizzjonijiet mhux disturbati ma jinstabux, għandhom ikunu kklassifikati bħala 'ħżiena'.

1.2.1. Definizzjonijiet ta' status ekoloġiku għoli, tajjeb, moderat fix-xmajjar

Elementi bijoloġiċi ta' kwalità

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni tassonomika tal-fitoplankton tikkorrispondi totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>L-abbundanza ta' fitoplankton medja hija totalment konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku u ma talterax daqshekk b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tat-trasparenza tat-tip speċifiku.<br>Blanzuni planktoniċi jseħħu fi frekwenza u intensità li hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u fl-abbundanza ta' *taxa* planktonika mqabbla mal-komunitajiet ta' tipi speċifiċi. Tali bidliet ma jindikawx xi kobor aċċelerat ta' *algae* li jirriżultaw f'disturbi mhux mixtieqa lill-bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp ta' ilma jew lill-kwalità fiżiko-kimika tas-sediment ta' l-ilma.<br>Żidea żgħira fil-frekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniki tat-tip speċifiku jistgħu jseħħu. | Il-kompożizzjoni tat-*taxa* planktonika hija moderatament differenti mill-komunitajiet tat-tip speċifiku.<br>L-abbundanza hija moderatament disturbata u tista' tkun tali li tipproduċi disturb mhux mixtieq sinifikanti fil-valuri ta' elementi ta' kwalità bijoloġika u fiżiko-kimika oħra.<br>Żida moderata fil-frekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniċi tista' sseħħ. Blanzuni persistenti jistgħu jseħħu matul ix-xhur tas-Sajf |

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Makrofiti u fitobenti | Il-kompożizzjoni tassonomika tikkorrispondi totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati. M'hemm ebda bidliet traċċjabbli fl-abbundanza makrofitika medja u dik fitobentika medja. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u fl-abbundanza tat-*taxa* makrofitika u fitobentika mqabbla mal-komunitajiet tat-tip speċifiku. Tali bidliet ma jindikawx xi kobor aċċellerat ta' fitobenti jew forom għoljin ta' ħajja ta' pjanti li tirriżulta f'disturbi mhux mixtieqa lill-bilanċ ta' organiżmi fil-korp ta' ilma jew lill-kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma jew tas-sediment. Il-komunità fitobentika mhix affettwata ħażin bil-batterji f'dak kollu li jiksihom bħala riżultat ta' attività antropoġenika. | Il-kompożizzjoni tat-*taxa* makrofitika u fitobentika hija moderatament differenti mill-komunità tat-tip speċifiku u hija b'mod sinifikanti aktar imħawda minn status tajjeb. Bidliet moderati fl-abbundanza mikrofitika medja u f'dik fitobentika medja huma evidenti. Il-komunità fitobentika tista' tkun imfixkla u f'xi oqsma, jeħdulha postha *tufts* u kisjiet batterjoloġiċi bħala riżultat ta' attivitajiet antropoġeniċi. |
| Fawna invertebrata bentika | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tassanomiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. Il-proporzjon ta' *taxa* sensittiva ta'disturb għal *taxa* insensittiva ma juri ebda sinjal ta' alterazzjoni minn livelli mhux disturbati. Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertebrata ma juru ebda sinjal ta' alterazzjoni minn livelli mhux disturbati. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* invertebrata mill-komunitajiet tat-tip speċifiku. Il-proporzjon tat-*taxa* sensittiva għad-disturb għal *taxa* insensittiva turi kemmxejn alterazzjoni mill-livelli speċifiċi tat-tip. Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertebrata juri ftit sinjali ta' alterazzjoni mil-livelli tat-tip speċifiku. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* invertebrata tkun moderatament differenti mill-komunitajiet tat-tip speċifiku. Gruppi tassonomiċi kbar tal-komunità tat-tip speċifiku huma assenti. Il-proporzjon tat-*taxa* sensittiva għad-disturb imqabbel ma' *taxa* mhix sensittiva, u l-livell ta' diversità, huma sostanzjalment aktar baxxi mil-livell tat-tip speċifiku u b'mod sinifikanti aktar baxxi minn dawk għal status |

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | | | tajjeb. |
| Fawna tal-ħut | Kompożizzjoni u abbundanza ta' l-ispeċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għall-kundizzjonijiet mhux disturbati. L-ispeċi sensittivi għad-disturb tat-tipi speċifiku kollha huma preżenti. L-istrutturi ta' l-età tal-komunitajiet tal-ħut juru ftit sinjal ta' disturb antropoġeniku u m'humiex indikattivi tan-nuqqas fir-riproduzzjoni jew fl-iżvilupp ta' xi speċi partikulari. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u l-abbundanza ta' l-ispeċi mill-komunitajiet tat-tip speċifiku attributabbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi jew idromorfoloġiċi, u, fi ftit waqtiet ikunu indikattivi ta' nuqqas fir-riproduzzjoni jew fl-iżvilupp ta' speċi partikulari, tant li xi gruppi ta' ċerta età jkunu nieqsa. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza ta' l-ispeċi tal-ħut ikunu moderatament differenti mill-komunitajiet tat-tip speċifiku attribbwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq l-elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi u idro-morfoloġiċi. L-istruttura ta' l-eta' tal-komunitajiet tal-ħut turi sinjali maġġuri ta' disturb antropoġeniku, tant li proporzjon moderat ta' l-ispeċi tat-tip speċifiku huma assenti jew f'abbundanza tassew baxxa. |

***Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità***

| Elementi | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim idroloġiku | Il-kwantità u d-dinamika tat-tnixxija, u l-konnessjoni riżultanti għal ilma ta' taħt l-art, jirriflettu totalment, jew kważi totalment, kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kontinwità tax-xmara | Il-kontinwità tax-xmara mhux disturbata minn attivitajiet antropoġeniċi u tippermetti migrazzjoni mhux disturbata ta' organiżmi akwatiċi u trasport ta' sediment. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet morfoloġiċi | Mudelli tal-kanali, varjazzjonijiet ta' wisa' u fond, veloċità tat-tnixxija, kundizzjonijiet tal-qiegħ u, kemm l-istruttura kif ukoll il-kundizzjoni taż-żoni riparjani, jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għal elementi ta' kwalità bijoloġika. |

*Elementi fisiko-kimiċi ta' kwalità*

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet ġenerali | Il-valuri ta' l-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Konċentrati nutrittivi jibqgħu fi ħdan il-firxa normali assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-livelli ta' salinità, pH, bilanċ ta' l-ossiġenu, kapaċità u temperatura ta' newtralizzazzjoni ta' l-aċidu ma juru ebda sinjali ta' disturb antropoġeniku u jibqgħu fi ħdan il-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Temperatura, bilanċ ta' ossiġenu, pH, kapaċità ta' newtralizzazzjoni ta' l-aċidu u salinità ma jilħqux livelli barra l-firxa stabbilita biex tassigura l-funzjonament ta' l-ekosistema tat-tip speċifiku u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.<br>Konċentrati nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrati qrib taz-zero u ta' linqas taħt il-limiti ta' dak li jinkixef bit-teknika analitika l-aktar avanzata fl-użu ġenerali. | Konċentrati mhux li jaqbżu l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pollutanti non-sintetiċi speċifiċi | Il-Konċentrati jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli ta'sfond=bgl). | Konċentrati mhux li jaqbżu l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 (2) mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

(1) Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, EQS = standard ta' kwalità ambjentali.
(2) Applikazzjoni ta' l-istandards derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli ta' l-isfond: (EQS < bgl).

1.2.2. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, moderat fil-lagi

***Elementi bijoloġiċi ta' kwalità***

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tassonomika tal-fitoplankton jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-bijomassa medja tal-fitoplankton hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku u għalhekk mhix tali li tibdel b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet ta' trasparenza tat-tip speċifiku.<br>Blanzuni planktoniki jseħħu bi frekwenza u intensità li huma konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u l-abbundanza ta' *taxa* planktonika meta mqabbla mal-komunitajiet tat-tip speċifiku. Tali bidliet ma jindikawx kobor aċċelerat ta' *algae* li jirruiżulta f'disturb mhux mixtieq lill-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fil-korp ta' l-ilma jew fil-kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma jew tas-sediment.<br>Żidea żgħira fil-frekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniċi tat-tip speċifiku tista' sseħħ. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* planktonika hija kemmxejn differenti mill-komunitajiet tat-tip speċifiku.<br>Il-bijomassa hija moderatament disturbata u tista' tkun tali li tipproduċi disturb mhux mixtieq sinifikanti ta' elementi ta' kwalità bijoloġika u ta' kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma u tas-sediment.<br>Żieda moderata fil-frekwenza u fl-intensità fil-blanzuni planktoniċi tista' sseħħ tul ix-xhur tas-Sajf. |
| Makrofiti u fitobentos | Il-kompożizzjoni tassonomika tikkorrispondi totalment jew kważi totalment ma' | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u fl-abbundanza | Il-kompożizzjoni tat-*taxa* mikrofitika u fitobentika hija |

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Mhemm ebda bdil li jidher fl-abbundanza medja makrofitika u f'dik medja fitobentika. | ta' *taxa* makrofitika u fitobentika meta mqabbla mal-komunitajiet tat-tip speċifiku. Tali bidliet ma jindikawx kobor aċċelerat ta' fitobentos jew forom ogħla ta' ħajja ta' pjanti li jirriżultaw f'disturb mhux mixtieq lill-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fil-korp ta' l-ilma jew fil-kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma jew.<br>Il-komunità fitobentika ma tkunx affettwata avversament bit-*tufts* u kisjiet batterjali preżenti minħabba attività antropoġenika | moderatament differenti mill-komunitajiet tat-tip speċifiku u hija distorta b'mod sinifikanti aktar minn dik osservata fi kwalità tajba.<br>Bidliet moderati fl-abbundanza fitobentika medja u f'dik makrofitika medja huma evidenti.<br>*Tufts* u kisjiet batterjali preżenti bħala riżultat ta' attivitajiet antropoġeniċi jistgħu jxekklu, u f'xi nħawi anki jieħdu post il-kominità fitobentika. |
| Fawna invertebrata bentika | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tassonomika jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-proporzjoni tad-disturb tat-*taxa* sensittiva għat-*taxa* insensittiva ma juri ebda sinjali ta' alterazzjoni mil-livelli mhux disturbati.<br>Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertebrata ma juri ebda sinjal ta' alterazzjoni mil-livelli mhux disturbati. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u fl-abbundanza tat-*taxa* invertebrata meta mqabbla mal-komunitajiet tat-tip speċifiku.<br>Il-proporzjon tad-disturb tat-*taxa* sensittiva għat-*taxa* insensittiva juri alterazzjoni żgħira mil-livelli tat-tip speċifiku.<br>Il-livell ta' diversità ta' *taxa* invertebrata juri sinjali żhar ta' alterazzjoni mil-livelli tat-tip speċifiku. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza ta' *taxa* invertebrata huma moderatament differenti mill-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku.<br>Grupp tassonomiċi maġġuri tal-komunità tat-tip speċifiku huma neqsin.<br>Il-proporzjoni ta' disturb ta' *taxa* sensittiva għal *taxa* insensittiva, u l-livell ta' diversità, huma sostanzjalment aktar baxxi mil-livell tat-tip speċifiku u sinifikantament aktar baxxi minn dak għal status tajjeb. |
| Fawna tal-ħut | Kompizzjoni u abbundanza ta' l-ispeċi | Hemm bidliet żgħar fil- | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza |

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. L-ispeċi sensittivi tat-tip speċifiku kollha huma preżenti. L-istrutturi ta' l-età tal-komunitajiet tal-ħut juru sinjal żgħir ta' disturb antropoġeniku u mhumiex indikattivi ta' nuqqas fir-riproduzzjoni jew fl-iżvilupp ta' speċi partikulari. | kompożizzjoni u fl-abbundanza ta' l-ispeċi mill-komunitajiet tat-tip speċifiku attribwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq l-elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi jew idromorfoloġiċi. L-istrutturi ta' l-età tal-komunitajiet tal-ħut juru sinjali ta' disturb attribwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi jew idromorfoloġiċi, u, f'ċerti każi, huma indikattivi ta' nuqqas fir-riproduzzjoni jew fl-iżvilupp ta' speċi partikulari, tant li xi gruppi ta' ċerta età jistgħu jkunu neqsin. | ta' l-ispeċi tal-ħut huma moderatament differenti mill-komunitajiet tat-tip speċifiku attribwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi jew idromorfoloġiċi. L-istruttura ta' l-età tal-komunitajiet tal-ħut turi sinjali maġġuri ta' disturb, attribwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi jew idromorfoloġiċi, tant li proporzjon moderat ta' l-ispeċi tat-tip speċifiku jkunu nieqsa jew f'abbundanza tassew baxxa. |

***Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità***

| Element | Status Għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim idroloġiku | Il-kwantità u d-dinamika tat-tnixxija, il-livell, iż-żmien ta' residenza, u l-konnessjoni riżultanti għal ilmijiet ta' taħt l-art, jirriflettu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kundizzjonijiet morfoloġiċi | Il-varjazzjoni tal-fond tal-lag, il-kwantità u l-istruttura tal-qiegħ, u kemm l-istruttura, kif ukoll | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati |

| Element | Status Għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | il-kundizzjoni taż-żona tax-xatt tal-lag jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

***Elementi fisiko-kimiċi ta' kwalità***

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet ġenerali | Il-valuri ta' l-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-konċentrati nutrittivi jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Livelli ta' salinità, pH, bilanċ ta' ossiġenu, kapaċità newtralizzanti ta' l-aċidu, trasparenza u temperatura ma juru ebda sinjali ta' disturb antropġeniku u jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | It-temperatura, il-bilanċ ta' l-ossiġenu, il-pH, il-kapaċità newtralizzanti ta' l-aċidu, it-trasparenza u s-salinità ma jilħqux livelli barra l-firxa stabbilita biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għal elementi ta' kwalità bijoloġika.<br>Il-konċentrati nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għal elementi ta' kwalità bijoloġika. | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Il-konċentrati qrib zero u ta' linqas taħt il-limiti ta' kixfa tat-teknika analitika l-aktar avanzata fl-użu ġenerali. | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (< EQS) | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti non-sintetiċi speċifiċi | Il-konċentrati jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli ta' sfond = bgl). | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni | Il-kundizzjonijiet konsistenti ma' l-akkwist tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (< EQS) | kwalità bijoloġika. |

(1) Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: *bgl* = livell ta' sfond, *EQS* = standard ta' kwalità ambjentali.
(2) Applikazzjoni ta' l-istandards derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli ta' l-isfond: (*EQS* < *bgl*).

1.2.3. Definizzjonijiet għal status ekoloġiku għoli, tajjeb, u moderat f'ilmijiet transizzjonali

***Elementi bijoloġiċi ta' kwalità***

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* fitoplanktonika huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-bijomassa medja ta' fitoplankton hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku u mhix tali li tibdel b'mod sinifikattiv il-kundizzjonijiet tat-trasparenza tat-tip speċifiku.<br>Blanzuni planktoniċi jseħħu fi frekwenza u intensità li hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u fl-abbundanza tat-*taxa* fitoplanktonika.<br>Hemm bidliet żgħar fil-bijomassa meta mqabbla mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku. Tali bidliet ma jindikawx xi kobor aċċelerat ta' *algae* li jirriżultaw f'disturb mhux mixtieq fil-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fil-korp ta' ilma jew fil-kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma.<br>Żidea żgħira fil-fekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniċi tat-tip speċifiku tista' sseħħ. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* fitoplanktonika huma kemmxejn differenti mill-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku.<br>Il-bijomassa hija ddisturbata b'mod moderat u tista' tkun tali li tipproduċi disturb sinifikanti mhux mixtieq fil-kundizzjoni ta' l-elementi oħra ta' kwalità bijoloġika.<br>Żidea moderata fil-frekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniċi tista' sseħħ. Blanzuni persistenti jistgħu jitfaċċaw matul ix-xhur tas-Sajf. |
| Makroalgae | Il-kompożizzjoni ta' *taxa* makroalgeali hija konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni u fl-abbundanza | Il-kompożizzjoni tat-*taxa* makroalgeali tista' tkun |

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | M'hemm ebda bdil traċċjabbli fil-kisja makroalgeali dovut għal attivitajiet antropoġeniċi. | tat-*taxa* tal-makroalgeali meta mqabbla mal-komunitajiet tat-tip speċifiku. Tali bidliet ma jindikaw l-ebda kobor aċċelerat ta' fitobentos jew forom ogħla ta' ħajja ta' pjanti li jirriżultaw f'disturb mhux mixtieq fil-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fil-korp ta' ilma jew fil-kwalità fiżiko-kimika ta' l-ilma. | moderatament differenti mill-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku u hija b'mod sinifikanti aktar imħawda mill-kwalità tajba. Bidliet moderati fl-abbundanza makroalgeali medja huma evidenti u jistgħu jkunu tali li jikkaġunaw disturb mhux mixtieq fil-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fil-korp ta' ilma. |
| Angjospermi | Il-kompożizzjoni tassonomika tikkorrispondi totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. Mhemm ebda tibdiliet traċċjabbli fl-abbundanza makroalgeali ħtija ta' attivitajiet antropoġeniċi. | Hemm bidliet żgħar fil-kompożizzjoni tat-*taxa* angjospermika meta mqabbla mal-komunitajiet tat-tip speċifiku. L-abbundanza anġjospermika turi kemmxejn sinjali ta' disturb. | Il-kompożizzjoni tat-*taxa* angjospermika tista' tkun moderatament differenti mill-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku u hija mħawda b'mod aktar sinifikanti mill-kwalità tajba. Jeżistu distorsjonijiet moderati fl-abbundanza tat-*taxa* angjospermika. |
| Fawna invertebrata bentika | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertebrata huwa fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. It-*taxa* kollha sensittiva għad-disturb u assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati hija preżenti. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertebrata huwa kemmxejn barra mill-firxa assoċjata mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku. Il-biċċa l-kbira tat-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet tat-tip speċifiku hija preżenti. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertebrata huwa moderatament barra mill-firxa assoċjata mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku. *Taxa* indikattiva ta' inkwinament hija preżenti. Il-biċċa l-kbira tat-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet tat-tip speċifiku |

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | | | hija nieqsa. |
| Fawna tal-ħut | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza ta' l-ispeċi huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | L-abbundanza ta' l-ispeċi sensittivi għad-disturb turi kemmxejn sinjali ta' distorsjoni mill-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku attribbwibbli għal impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità fiziko-kimika jew idromorfoloġika. | Proporzjon moderat ta' l-ispeċi sensittivi għad-disturb tat-tip speċifiku huma neqsin bħala riżultat ta' l-impatti antropoġeniċi fuq elementi ta' kwalità fiziko-kimika jew idromorfoloġika. |

***Elementi idromorfoloġiċi ta' kwalità***

| Element | Status Għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Reġim tat-*tide* (marea) | Ir-reġim tat-tnixxija ta' ilma frisk jikkorrispondi totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Kundizzjonijiet morfoloġiċi | Varjazzjonijiet ta' fond, kundizzjonijiet ta' substrata, u kemm l-istruttura kif ukoll il-kundizzjoni taż-żoni *intertidal* jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

***Elementi fisiko-kimiċi ta' kwalità***

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet ġenerali | L-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati. Konċentrati nutrittivi jibqgħu fil-firxa | Temperatura, kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni, u trasparenza ma jilħqux livellli barra l-firxiet stabbiliti biex jassiguraw il- | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Temperatura, bilanċ ta' ossiġenu, u trasparenza ma jurux sinjali ta' disturb atropoġeniku u jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għal elementi ta' kwalità bijoloġika.<br>Konċentrati nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrati qrib żero u ta' linqas taħt il-limiti ta' kixfa tat-teknika analitika l-aktar avanzata fl-użu ġenerali. | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti non-sintetiċi speċifiċi | Konċentrati jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati (livelli ta' sfond = bgl). | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 (2) mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. |

(1) Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, EQS = standard ta' kwalità ambjentali.
(2) Applikazzjoni ta' l-istandards derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli ta' l-isfond: (EQS < bgl).

1.2.4. Definizzjonijiet għal status ta' ilmijiet kostali g]oli, tajjeb, u moderat

***Elementi ta' kwalità bijoloġika***

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Fitoplankton | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* fitoplanktonika huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-bijomassa medja ta' fitoplankton hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku u mhix tali li tibdel b'mod sinifikanti l-kundizzjonijiet tat-trasparenza tat-tip speċifiku.<br>Blanzuni planktoniċi jseħħu fi frekwenza u intensità li hija konsistenti mal-kundizzjonijiet fiżiko-kimiċi tat-tip speċifiku. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* filoplanktonika juru kemmxejn sinjali ta' disturb.<br>Hemm bidliet żgħar fil-bijomassa mqabbla mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku. Tali bidliet ma jindikawx xi kobor aċċelerat ta' *algae* li jirriżultaw f'disturb mhux mixtieq fil-bilanċ ta' l-organiżmi preżenti fil-korp ta' ilma jew fil-kwalità ta' l-ilma.<br>Żieda żgħira fil-fekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniċi tat-tip speċifiku jistgħu jseħħu. | Il-kompożizzjoni u l-abbundanza tat-*taxa* filoplanktonika juru sinjali ta' disturb moderat.<br>Il-bijomassa algeali hija sustanzjalment barra mill-firxa assoċjata mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku, u hija tali li tagħmel impatt fuq elementi ta' kwalità bijoloġiċi oħra.<br>Żida moderata fil-frekwenza u fl-intensità tal-blanzuni planktoniċi tista' sseħħ matul ix-xhur tas-Sajf. |
| Makroalgae u angjospermi | It-*Taxa* kollha makroalgeali u angjospermali sensittiva għad-disturb assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati tkun preżenti.<br>Il-livelli ta' kisi makroalgeali u l-abbundanza ta' l-anġjospermi huma konsistenti ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-biċċa l-kbira tat-*taxa* kollha makroalgeali u angjospermali sensittiva għad-disturb assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati tkun preżenti.<br>Il-livell ta' kisi makroalgeali u l-abbundanza ta' l-anġjospermi juru sinjali ta' kemmxejn disturb. | Numru moderat ta' *taxa* makroalgeali u angjospermali assoċjat ma' kundizzjonijiet mhux disturbati huwa nieqes.<br>Il-kisi makroalgeali u l-abbundanza ta' l-anġjospermi huma moderatament disturbati u jistgħu jkunu tali li jirriżultaw f'disturb mhux mixtieq fil-bilanċ ta' organiżmi preżenti fil-korp ta' ilma. |
| Fawna invertebrata bentika | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertebrata huwa fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>It-*taxa* sensittiva għad-disturb kollha assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati hija preżenti. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertebrata huwa kemmxejn 'il barra mill-firxa assoċjata mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku. | Il-livell ta' diversità u abbundanza ta' *taxa* invertebrata huwa moderatament barra mill-firxa assoċjata mal-kundizzjonijiet tat-tip speċifiku. |

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | | Parti l-kbira tat-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet tat-tip speċifiku hija preżenti. | *Taxa* indikattiva ta' inkwinament hija preżenti.<br>Ħafna mit-*taxa* sensittiva tal-komunitajiet tat-tip speċifiku hija nieqsa. |
| Reġim *tidal* | Ir-reġim tat-tnixxija ta' ilma tajjeb u d-direzzjoni u l-veloċità ta' kurrenti dominanti jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |
| Kundizzjonijiet morfoloġiċi | Il-varjazzjoni tal-fond, l-istruttura u l-qiegħ tal-kosta, u kemm l-istruttura kif ukoll il-kundizzjoni taż-żoni inter-*tidal* jikkorrispondu totalment jew kważi totalment ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |

***Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità*** ([1])

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet ġenerali | L-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment għal kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Konċentrati nutrittivi jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>It-temperatura, il-bilanċ ta' l-ossiġenu, u t-trasparenza ma juru ebda sinjali ta' disturb antropoġeniku u jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati. | Temperatura, kundizzjonijiet ta' ossiġenazzjoni, u trasparenza ma jilħqux livelli barra l-firxiet stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika.<br>Konċentrati nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |

| Element | Status għoli | Status tajjeb | Status moderat |
|---|---|---|---|
| | | fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. | |
| Pollutanti sintetiċi speċifiċi | Konċentrati qrib żero u ta' linqas taħt il-limiti ta' kixfa tat-teknika analitika l-aktar avanzata fl-użu ġenerali. | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljati fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti non-sintetiċi speċifiċi | Konċentrati jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' kundizzjonijiet mhux disturbati (livell ta' sfond = bgl). | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljati fis-sezzjoni 1.2.6 (2) mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |

(1) Jintużaw l-abbrevjazzjonijiet li ġejjin: bgl = livell ta' sfond, EQS = standard ta' kwalità ambjentali.
(2) Applikazzjoni ta' l-istandards derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli ta' l-isfond: (EQS < bgl).

1.2.5 Definizzjonijiet għal potenzjal ekoloġiku massimu, tajjeb u moderat għal korpi ta' ilma modifikat sewwa jew artifiċjali

| Element | Potenzjal ekoloġiku massimu | Potenzjal ekoloġiku tajjeb | Potenzjal ekoloġiku Moderat |
|---|---|---|---|
| Elementi bijoloġiċi ta' kwalità | Il-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bijoloġika rilevanti jirriflettu, kemm jista' jkun, dawk assoċjati ma' l-eqreb tip ta' korp ta' ilma tal-wiċċ komparabbli, mogħtija l-kundizzjonijiet fiżiċi li jirriżultaw mill-karatteristiċi artifiċjali jew modifikati sewwa tal-korp ta' ilma. | Hemm bidliet żgħar fil-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bijoloġika rilevanti kif imqabbla mal-valuri misjuba f'potenzjal ekoloġiku massimu. | Hemm bidliet moderati fil-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bijoloġika rilevanti kif imqabbla mal-valuri misjuba f'potenzjal ekoloġiku massimu.<br>Dawn il-valuri huma b'mod sinifikanti aktar iddistortjati minn dawk misjuba taħt kwalità tajba. |

| Element | Potenzjal ekoloġiku massimu | Potenzjal ekoloġiku tajjeb | Potenzjal ekoloġiku Moderat |
|---|---|---|---|
| Elementi idromorfoloġiċi | Il-kundizzjonijiet idromorfoloġiċi huma konsistenti ma' l-uniċi impatti tal-korp ta' l-ilma tal-wiċċ li jkunu dawk li jirriżultaw mill-karatteristiċi tal-korp ta' ilma ġaladarba l-miżuri kollha ta' mitigazzjoni jkunu ttieħdu biex jassiguraw l-aqwa approssimazzjoni għal kontinuum ekoloġiku b'mod partikulari fir-rigward tal-migrazzjoni tal-fawna u postijiet adegwati għat-trobbija u għat-tfaqqis. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |

Elementi fiżiko-kimiċi ta' kwalità

| | | | |
|---|---|---|---|
| Kundizzjonijiet ġenerali | L-elementi fiżiko-kimiċi jikkorrispondu totalment jew kważi totalment mal-kundizzjonijiet mhux disturbati assoċjati mat-tip tal-korp ta' ilma tal-wiċċ komparabbli mill-qrib mal-korp artifiċjali jew modifikat sewwa konċernat.<br>Konċentrati nutrittivi jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata ma' tali kundizzjonijiet mhux disturbati.<br>Il-livelli ta' temperatura, bilanċ ta' l-ossiġenu, u l-pH huma konsistenti ma' dawk misjuba fit-tip tal-korp ta' ilma tal-wiċċ komparabbli mill-qrib taħt kundizzjonijiet mhux disturbati. | Il-valuri għal elementi fiżiko-kimiċi huma fil-firxiet stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.<br>It-temperatura u l-pH ma jilħqux livelli barra mill-firxiet stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika.<br>Il-Konċentrati nutrittivi ma jaqbżux il-livelli stabbiliti biex jassiguraw il-funzjonament ta' l-ekosistema u l-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi ta' kwalità bijoloġika. | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pollutanti sintetiċi u speċifiċi | Konċentrati qrib żero jew ta' linqas taħt il-limiti ta' sejba tat-teknika analitika l-aktar avanzata fl-użu ġenerali. | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti fil-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 mingħajr preġudizzju għas-sezzjoni 91/414/KE ι. d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |
| Pollutanti non-sintetiċi speċifiċi | Il-konċentrati jibqgħu fil-firxa normalment assoċjata mal-kundizzjonijiet mhux disturbati misjuba fit-tip tal-korp ta' ilma tal-wiċċ komparabbli mill-qrib mal-korp artifiċjali jew modifikat sewwa konċernat (livell ta' sfond = bgl) | Konċentrati li ma jaqbżux l-istandards stabbiliti skond il-proċedura dettaljata fis-sezzjoni 1.2.6 ([1]) mingħajr preġudizzju għad-Direttiva 91/414/KE u d-Direttiva 98/8/KE. (<EQS) | Kundizzjonijiet konsistenti mal-kisba tal-valuri speċifikati hawn fuq għall-elementi tal-kwalità bijoloġika. |
| (1) Applikazzjoni ta' l-istandards derivati minn dan il-protokoll ma jkollhomx bżonn riduzzjoni tal-konċentrati ta' pollutanti taħt il-livelli ta' l-isfond. | | | |

1.2.6 Proċedura għall-issettjar ta' l-istandards ta' kwalità kimika mill-awtorità kompetenti

Fil-kisba ta' l-istandards ta' kwalità ambjentali għal pollutanti elenkati fil-punti 1 sa 9 ta' l-Anness VIII għall-protezzjoni tal-biota akwatika, l-awtorità kompetenti għandha taġixxi skond id-dispożizzjonijiet li ġejjin. L-istandards jistgħu jkunu ssettjati għal ilma, sediment, jew biota.

Fejn possibbli, kemm data akuta kif ukoll dik kronika għandhom jinkisbu mit-*taxa* stabbilita hawn taħt li huma rilevanti għat-tip ta' korp ta' ilma konċernat kif ukoll kwalunkwe *taxa* oħra li għaiha hemm data ottenibbli. Is-'sett bażiku' tat-*taxa* huwa:

- *algae* u/jew makrofiti
- *daphnia* jew organiżmi rappreżentattivi ta' ilmijiet melħin
- ħut

Issettjar ta' l-istandard tal-kwalità ambjentali

Il-proċedura li ġejja tapplika għall-issettjar ta' l-akbar konċentrat medju annwali:

(i) L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi fatturi ta' sigurtà addattati f'kull każ konsistenti man-natura u mal-kwalità tad-data ottenibbli u l-gwida mogħtija fis-sezzjoni 3.3.1 tal-Parti II tad-'Dokument ta' gwida teknika li tissapportja d-Direttiva tal-Kummissjoni 93/67/KEE (implimentata bir-Regolamenti ta' l-2002 dwar is-Sustanzi Perikolużi (Assessjar ta' Riskju) (A.L 40 ta' l-2002) dwar assessjar ta' riskju għal sustanzi nnotifikati ġodda' u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 dwar assessjar tar-riskju għal sustanzi eżistenti' u l-fatturi ta' sigurtà stabbiliti fit-tabella ta' hawn taħt:

| | Fattur ta' sigurtà |
|---|---|
| Ta' linqas L(E)C50 wieħed akut minn kull tliet livelli trofiċi tas-sett bażiku | 1 000 |
| NOEC kroniku wieħed (jew ħut jew *daphnia* jew organiżmu rappreżentattiv għal ilmijiet mielħa. | 100 |
| Żewġ NOECs kroniċi minn speċi li jirrapreżentaw żewġ livelli trofiċi (ħut u/jew *daphnia* jew organiżmu rappreżentattiv għal ilmijiet melħin jew/u *algae* | 50 |
| NOECs kroniku wieħed minn ta' linqas tliet speċi (normalment ħut, *daphnia* jew organiżmu rappreżentattiv għal ilmijiet melħin jew/u *algae*) li jirrapreżentaw tliet livelli trofiċi | 10 |
| Każijiet oħra, inkluża *field* data jew ekosistemi mudell, li jippermettu fatturi aktar preċiżi ta' sigurtà biex ikunu kkalkulati u applikati | Assessjar ta' każ b'każ |

(ii) fejn huma ottenibbli data fuq persistenza u bijoakkumulazzjoni, dawn għandhom jittieħdu f'kunsiderazzjoni biex jinkiseb il-valur finali ta' l-istandard tal-kwalità ambjentali;

(iii) l-istandard hekk miksub għandu jkun imqabbel ma' kwalunkwe xhieda mill-istudji fuq il-post. Fejn jidhru anomaliji, id-derivazzjoni għandha tkun riveduta biex tippermetti li jkun ikkalkulat fattur ta' sigurtà aktar preċiż;

(iv) l-istandard derivat għandu jkun suġġett għal reviżjoni għolja u konsultazzjoni pubblika, u li jippermetti li jkun ikkalkulat fattur ta' sigurtà aktar preċiż.

1.3. **Moniteraġġ ta' l-istatus ekoloġiku u l-istatus kimiku għal ilmijiet tal-wiċċ**

In-netwerk ta' moniteraġġ ta' l-ilma tal-wiċċ għandu jkun stabbilit skond il-kundizzonijiet tar-regolament 8. In-netwerk ta' moniteraġġ għandu jkun ippjanat biex jipprovdi dehra koerenti u komprensiva ta' l-istatus ekoloġiku u kimiku f'kull *catchment* ta' ilma u għandu jippermetti klassifikazzjoni ta' korpi ta' l-ilma f'ħames klassijiet konsistenti mad-definizzjonijiet normattivi fis-sezzjoni 1.2. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa jew mapep li juru n-netwerk ta' moniteraġġ ta' l-ilma tal-wiċċ fil-pjan ta' immaniġġjar tal-*catchment* ta' l-ilma.

Fuq il-bażi tal-karatterizzazzjoni u ta' l-assessjar ta' l-impatt imwettaq skond ir-regolament 5 u l-Anness II, għal kull perijodu li għalih japplika l-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma, l-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programm ta' sorveljanza tal-moniteraġġ u programm ta' moniteraġġ operazzjonali. F'xi każi, jista' jkun meħtieġ ukoll li l-awtorità kompetenti jkollha tistabbilixxi programm ta' moniteraġġ investigattiv.

L-awtorità kompetenti għandha timmoniterja parametri li huma indikattivi ta' l-istatus ta' kull element ta' kwalità rilevanti. Fl-għażla ta' parametri għal elementi ta' kwalità bioloġika l-awtorità kompetenti għandha tidentifika l-livell tassonomiku xieraq biex jinkisbu konfidenza u preċiżjoni adegwati fil-klassifika ta' l-elementi ta' kwalità. Fil-pjan għandhom jingħataw stimi tal-livell ta' konfidenza u ta' preċiżjoni tar-riżultati pprovduti mill-programmi ta' moniteraġġ.

1.3.1. Disinn ta' moniteraġġ tas-sorveljanza

*Oġġettiv*

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi programmi ta' moniteraġġ tas-sorveljanza biex jipprovdu informazzjoni għal:

- suppliment u validazzjoni tal-proċedura ta' assessjar ta' l-impatt deskritta fl-Anness II,
- id-disinn effettiv u effiċjenti ta' programmi ta' moniteraġġ futuri,
- l-assessjar ta' bidliet fit-tul (*long-term*) fil-kundizzjonijiet naturali, u
- l-assessjar ta' bidliet fit-tul (*long term*) li jkunu riżultat ta' attivitajiet antropoġeniċi mifruxa.

Ir-riżultati ta' tali moniteraġġ għandhom ikunu riveduti u wżati f'kumbinazzjoni mal-proċedura ta' l-assessjar ta' l-impatt deskritta fl-Anness II, biex ikunu determinati kundizzjonijiet għal programmi ta' moniteraġġ fil-pjanijiet ta' maniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma kurrenti u sussegwenti.

*Għażla ta' punti ta' moniteraġġ*

Moniteraġġ tas-sorveljanza għandu jitwettaq minn korpi ta' ilma tal-wiċċ suffiċjenti biex jipprovdi assessjar ta' l-istatus ta' l-ilma tal-wiċċ kollu fil-*catchment* jew is-sub-*catchments* tad-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma. Fl-għażla ta' dawn il-korpi l-awtorità kompetenti għandha tassigura li, fejn xieraq, il-moniteraġġ jitwettaq f'punti fejn:

- ir-rata tat-tnixxija ta' l-ilma hija sinifikanti fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma bħala tali;

- il-volum ta' l-ilma preżenti huwa sinifikanti fid-distrett tal-*catchment* ta' l-ilma, u

tali siti fejn hu mitlub li tkun stmata t-tagħbija ta' pollutanti trasferita fl-ambjent tal-baħar.

*Għażla ta' l-elementi ta' kwalità*

Moniteraġġ tas-sorveljanza għandu jsir għal kull sit ta' moniteraġġ għal perijodu ta' sena matul il-perijodu kopert mill-pjan ta' maniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma għal:

- parametri indikattivi għall-elementi ta' kwalità bioloġika kollha,

- parametri indikattivi għall-elementi ta' kwalità idromorfoloġika kollha,

- parametri indikattivi għall-elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi ġenerali kollha,

- lista prijoritarja ta' pollutanti li jintefgħu fil-*catchment* jew fis-sub-*catchment* ta' l-ilma, u

- pollutanti oħra mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti fil-*catchment* jew fis-sub-*catchment* ta' l-ilma.

Sakemm l-eżerċizzji ta' moniteraġġ tas-sorveljanza preċedenti ma wrewx li l-korp konċernat laħaq status tajjeb u m'hemm ebda xhieda mir-reviżjoni ta' l-impatt ta' l-attività umana deskritt fl-Anness II li l-impatti fuq il-korp inbidlu. F'dawn il-każi, għandu jitwettaq moniteraġġ tas-sorveljanza darba f'wieħed minn kull tliet pjanijiet ta' maniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

Pjan ta' moniteraġġ operazzjonali

Moniteraġġ operazzjonali għandu jsir biex:

- jistabbilixxi l-istatus ta' dawk il-korpi identifikat li jinsabu f'riskju li jonqsu li jissodisfaw l-oġġettivi ambjentali tagħhom, u
- jassessja kwalunkwe bidla fl-istatus ta' tali korpi li jirriżultaw mill-programmi tal-miżuri.

Il-programm jista' jkun emendat matul il-perijodu tal-pjan ta' immaniġġar tal-*catchment* ta' ilma fid-dawl ta' informazzjoni miksuba bħala parti mill-kundizzjonijiet ta' l-Anness II jew bħala parti minn dan l-Anness, partikolarment biex jippermetti riduzzjoni fil-frekwenza fejn impatt jinstab li mhux sinifikanti jew fejn titneħħa l-pressa rilevanti.

*Għażla tas-siti ta' moniteraġġ*

Moniteraġġ operazzjonali għandu jitwettaq għal dawk il-korpi kollha ta' ilma li jew fuq il-bażi ta' l-assessjar ta' l-impatt imwettaq skond l-Anness II jew fuq il-bażi tal-moniteraġġ tas-sorveljanza jkunu identifikati bħala li jinsabu f'riskju li ma jissodisfawx l-oġġettivi ambjentali tagħhom skond ir-regolament 4 u għal dawk il-korpi ta' ilma li fihom jintefgħu sustanzi tal-lista ta' prijorità. Il-punti ta' moniteraġġ għandhom jintgħażu għal sustanzi tal-lista ta' prijorità kif speċifikat fil-leġislazzjoni li tistabbilixxi l-istandard ta' kwalità ambjentali rilevanti. Fil-każijiet l-oħra kollha, inklużi għal sustanzi tal-lista ta' prijorità fejn ma tingħata ebda gwida f'tali leġislazzjoni, il-punti ta' moniteraġġ ikunu magħżula kif ġej:

- għal korpi f'riskju minn pressjonijiet tas-sors tal-punt sinifikanti, punti ta' moniteraġġ suffiċjenti f'kull korp biex ikun assessjat il-kobor u l-impatt tas-sors tal-punt. Fejn korp huwa suġġett għal numru ta' pressjonijiet tas-sors tal-punt, jistgħu jintħażlu punti ta' moniteraġġ biex jassessjaw il-kobor u l-impatt ta' dawn il-pressjonijiet flimkien,

- għal korpi f'riskju minn presses tas-sors diffużi b'mod sinifikanti, punti ta' moniteraġġ biżżejjed f'għażla ta' korpi biex jassessjaw il-kobor u l-impatt tal-pressjonijiet diffużi tas-sors. L-għażla tal-korpi għandha ssir b'mod li jkunu rappreżentattivi tar-riskji relattivi tal-każ tal-pressjonijiet diffużi tas-sors, u tar-riskji relattivi tan-nuqqas fil-kisba ta' l-istatus ta' ilma tal-wiċċ tajjeb,

- għal korpi f'riskju minn pressjoni idromorfoloġika sinifikanti, punti ta' moniteraġġ suffiċjenti f'għażla ta' korpi biex ikunu assessjati l-kobor u l-impatt tal-pressjoni idromorfoloġika. L-għażla tal-korpi għandha tkun indikattiva ta' l-impatt sħiħ tal-pressjoni idromorfoloġika li għaliha huma suġġetti l-korpi kollha.

*Għażla ta' l-elementi ta'* kwalità

Biex ikun assessjat il-kobor tal-pressjoni li għaliha korpi ta' ilma tal-wiċċ ikunu suġġetti, l-awtorità kompetenti għandha timmoniterja għal dawk l-elementi ta' kwalità li huma indikattivi tal-pressjonijiet li għalihom il-korp jew korpi huma suġġetti. Biex ikun assessjat l-impatt ta' dawn il-pressjonijiet, l-awtorità kompetenti għandha timmoniterja kif rilevanti:

- parametri indikattivi ta' l-element ta' kwalità bioloġika, jew elementi, l-aktar sensittiv għall-pressjonijiet li għalihom ikunu suġġetti l-korpi ta' l-ilma,

- is-sustanzi kollha ta' prijorità mitfugħa, u pollutanti oħra mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti,

- parametri indikattivi ta' l-element ta' kwalità idromorfoloġika l-aktar sensittiv għall-pressjoni identifikata.

1.3.3. Pjan ta' moniteraġġ investigattiv

*Oġġettiv*

Moniteraġġ investigattiv għandu jitwettaq:

- fejn ir-raġuni għal xi qbiż fil-limiti mhux magħruf,

- fejn moniteraġġ tas-sorveljanza jindika li l-oġġettivi stabbiliti fir-regolament 4 għal korp ta' ilma mhux probabbli li jinkisbu, u moniteraġġ operazzjonali ma hux diġà stabbilit, biex ikunu aċċertati l-kawżi għala korp jew korpi ta' ilma jonqsu li jiksbu l-oġġettivi ambjentali, jew

- biex ikunu aċċertati l-kobor u l-impatti ta' l-inkwinament aċċidentali,

u eventwalment jinfurmaw l-ħolqien ta' programm ta' miżuri għall-kisba ta' l-oġġettivi ambjentali u miżuri speċifiċi neċessarji biex ikunu rimedjati l-effetti ta' inkwinament aċċidetali.

1.3.4. Frekwenza ta' moniteraġġ

Għall-perijodu ta' moniteraġġ tas-sorveljanza, il-frekwenzi għal parametri ta' moniteraġġ indikattiv ta' l-elementi ta' kwalità fiżiko-kimiċi mogħtija hawn taħt għandhom ikunu applikati dment li ma jkunux ġustifikati intervalli ikbar fuq il-bażi ta' għarfien tekniku u ġudizzju espert. Għal elementi ta' kwalità bioloġika jew idromorfoloġika moniteraġġ għandu jitwettaq ta' linqas darba matul perijodu ta' moniteraġġ tas-sorveljanza.

Għal moniteraġġ operazzjonali, il-frekwenza ta' moniteraġġ meħtieġa għal kull parametru għandha tkun deċiża mill-awtorità kompetenti biex tipprovdi data suffiċjenti għal assessjar ta' min jorbot fuqu ta' l-istatus ta' l-element ta' kwalità rilevanti. Bħala gwida, il-moniteraġġ għandu jsir f'intervalli li ma jaqbżux dawk murija fit-tabella ta' hawn taħt dement li ma jkunux ġustifikati intervalli itwal fuq il-bażi ta' għarfien tekniku u ġudizzju espert.

Għandhom jingħażlu frekwenzi biex jinkiseb livell aċċettabbli ta' konfidenza u preċiżjoni. Stimi ta' konfidenza u preċiżjoni miksuba mis-sistema ta' moniteraġġ użata għandhom ikunu mniżżla fil-pjan ta' maniġġar tal-*catchment* ta' l-ilma.

Għandhom ikunu magħżula frekwenzi ta' moniteraġġ li jieħdu in kunsiderazzjoni l-varjabbilità fil-parametri li jirriżultaw kemm minn kundizzjonijiet naturali kif ukoll minn dawk antropoġeniċi. Iż-żminijiet li fihom isir il-moniteraġġ għandhom jintagħżlu b'mod li (dan) jimminimizza l-impatt tal-varjazzjoni staġjonali fuq ir-riżultati, u b'hekk jassigura li r-riżultati jirriflettu bidliet fil-korp ta' ilma bħala

riżultat ta' bidliet dovuti għal pressjoni antropoġrnika. Moniteraġġ addizzjonali matul staġuni differenti ta' l-istess sena għandhom jitwettqu, fejn xieraq, biex jinkiseb dan l-oġġettiv.

| Element ta' kwalità | Xmajjar | Lagi | Transizzjonali | Kostali |
|---|---|---|---|---|
| **Bijoloġiċi** | | | | |
| Fitoplankton | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur | 6 xhur |
| Flora akwatika oħra | 3 snin | 3 snin | 3 snin | 3 snin |
| Makro invertebrati | 3 snin | 3 snin | 3 snin | 3 snin |
| Ħut | 3 snin | 3 snin | 3 snin | |
| **Idromorfoloġiċi** | | | | |
| Kontinwità | 6 snin | | | |
| Idroloġija | kontinwament | Xahar | | |
| Morfoloġija | 6 snin | 6 snin | 6 snin | 6 snin |
| **Fiżiko-kimiċi** | | | | |
| Kundizzjonijiet termali | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Ossiġenazzjoni | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Salinità | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | |
| Status nutrittiv | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Status ta' aċidifikazzjoni | 3 xhur | 3 xhur | | |
| Inkwinanti oħra | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur | 3 xhur |
| Sustanzji ta' prijorità | xahar | xahar | xahar | xahar |

1.3.5. Kundizzjonijiet ta' moniteraġġ addizzjonali għal erji protetti

Il-programmi ta' moniteraġġ meħtieġa hawn fuq għandhom ikunu suplimentati biex jilħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

*Punti ta' astrazzjoni ta' ilma għax-xorb*

Korpi ta' ilma tal-wiċċ magħżula fir-regolament 7 li jipprovdu aktar minn $100m^3$ kuljum bħala medja għandhom ikunu indikati bħala siti ta' moniteraġġ u għandhom ikunu suġġetti għal moniteraġġ addizzjonali li jista' jkun hemm bżonn li jsir biex jilħaq il-kundizzjonijiet ta' dak ir-regolament. Tali korpi għandhom ikunu mmoniterjati għas-sustanzi kollha ta' prijorità, u għas-sustanzi l-oħra kollha mitfugħa fi kwantitajiet sinifikanti li jistgħu jaffettwaw l-istatus tal-korp ta' ilma u li jkunu kkontrollati skond id-disposizzjonijiet ta' kull regolament dwar il-kwalità ta' ilma intiż għall-konsum uman. Il-moniteraġġ għandu jsir skond il-frekwenzi stabbiliti hawn taħt:

| Komunità moqdija | Frekwenza |
|---|---|
| < 10 000 | 4 kull sena |
| 10 000 sa 30 000 | 8 kull sena |
| > 30 000 | 12 kull sena. |

*Erji abitati u erji għall-protezzjoni ta' l-ispeċi*

Il-korpi ta' l-ilma li jiffurmaw dawn l-inħawi għandhom ikunu nklużi fil-programm ta' moniteraġġ operazzjonali li hemm referenza għalih hawn fuq, fejn, fuq il-bażi ta' l-assessjar ta' l-impatt u l-moniteraġġ tas-sorveljanza, huma identifikati bħala li jinsabu f'riskju li jonqsu li jissodisfaw l-oġġettivi ambjentali tagħhom skond ir-regolament 4. Għandu jsir moniteraġġ biex ikunu assessjati l-kobor u l-impatt tal-pressjonijiet kollha sinifikanti rilevanti fuq dawn il-korpi u, fejn hemm bżonn, biex jassessjaw il-bidliet fl-istatus ta' tali korpi li jirriżultaw mill-programmi ta' miżuri. Il-moniteraġġ għandu jkompli sakemm l-inħawi jissodisfaw il-kundizzjonijiet relatati ma' l-ilma tal-leġislazzjoni li huma indikati fiha u jilħqu l-oġġettivi tagħhom skond ir-regolament 4.

1.3.6. Standards għall-moniteraġġ ta' l-elementi ta' kwalità

Metodi wżati għall-moniteraġġ ta' parametri ta' tip għandhom jikkonformaw ma' l-istandards internazzjonali elenkati hawn taħt, jew tali standards nazzjonali jew internazzjonali oħra li jassiguraw id-dispożizzjoni ta' data ta' kwalità u komparibbiltà xjentifika ekwivalenti.

*Kampjunar ta' makroinvertebrati*

*MSA EN ISO 5667-3:2000* *Water quality - Sampling - PART 3: Guidance on the preservation and handling of samples*

*MSA EN 27828:2000* *Water quality - Methods for biological sampling - Guidance on hand net sampling of benthic macroinvertebrates*

*MSA EN 28265:2000* *Water quality - Methods of biological sampling - Guidance on the design and use of quantitative samplers for benthic macroinvertebrates on stony substrata in shallow waters*

*MSA EN ISO 9391:2000* *Water quality - Sampling in deep waters for macroinvertebrates – Guidance on the use of colonisation, qualitative and quantitative samplers*

*MSA EN ISO 8689-1:2000* *Biological classification of rivers PART I: Guidance on the interpretation of biological quality data from surveys of benthic macroinvertebrates in running waters*

*MSA EN ISO 8689-2:2002* *Biological classification of rivers PART II: Guidance on the presentation of biological quality data from surveys of benthic macroinvertebrates in running waters*

*Kampjunar ta' makrofiti*

Standards MSA rilevanti meta żviluppati

*Kampjunar ta' ħut*

Standards MSA rilevanti meta żviluppati

*Kampjunar ta' diatom*

Standards MSA rilevanti meta żviluppati

*Standards għal parametri fiżiko-kimiċi*

Kull standard MSA rilevanti

*Standards għal parametric idromorfoloġiċi*

Kull standard MSA rilevanti

## 1.4. Klassifika u preżentazzjoni ta' status ekoloġiku

### 1.4.1. Tqabbil ta' riżultati ta' moniteraġġ

L-awtorità kompetenti għandha tistabbilixxi sistemi ta' moniteraġġ għall-iskop ta' stima tal-valuri ta' l-elementi ta' kwalità bioloġika speċifikati għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ jew għal korpi ta' ilma tal-wiċċ modifikati sewwa jew artifiċjali. Fl-applikazzjoni tal-proċedura stipulata hawn taħt għal korpi ta' ilma modifikati sewwa jew artifiċjali, referenzi għall-istatus ekoloġiku għandhom ikunu magħmulin bħala referenzi għal potenzjal ekoloġiku. Tali sistemi jistgħu jutilizzaw speċi jew gruppi ta' speċi partikulari li huma rappreżentattivi ta' l-element ta' kwalità kollha bħala tali.

Sabiex tkun assigurata komparibbiltà ta' tali sistemi ta' moniteraġġ, ir-riżultati għandhom ikunu espressi bħala proporzjon ta' kwalità ekoloġika għall-iskopijiet ta' klassifika ta' status ekoloġiku. Dawn il-proporzjonijiet iridu jirrapreżentaw ir-relazzjoni bejn il-valuri tal-parametri bioloġiċi osservati għal korp partikulari ta' ilma tal-wiċċ u għall-valuri ta' dawn il-parametri fil-kundizzjonijiet applikabbli rriferuti għal dak il-korp. Il-proporzjon għandu jkun espress bħala valur numeriku bejn '0' (żero) u '1' (wieħed), bi status ekoloġiku għoli rrappreżentat b'valuri qrib '1' (wieħed) u status ekoloġiku ħażin b'valuri qrib iż-'0' (żero).

L-awtorità kompetenti għandha tiddiviedi l-iskala tal-proporzjon tal-kwalità ekoloġika għas-sistema ta' moniteraġġ tiegħu għal kull kategorija ta' ilma tal-wiċċ f'ħames klassijiet li jinfirxu minn status ekoloġiku għoli għal wieħed ħażin, kif iddefinit fis-sezzjoni 1.2, billi jassenja valur numeriku lil kull waħda mill-fruntieri bejn il-klassijiet. Il-valur għall-fruntiera bejn il-klassijiet ta' staus għoli u tajjeb, u l-valur għall-fruntiera ta' status tajjeb u moderat għandu jkun stabbilit permezz ta' l-eżerċizzju ta' interkalibrazzjoni.

### 1.4.2. Preżentazzjoni tar-riżultati u klassifika ta' moniteraġġ ta' l-istatus ekoloġiku u l-potenzjal ekoloġiku

(i) Għal kategoriji ta' ilma tal-wiċċ, il-klassifika ta' l-istatus ekoloġiku tal-korp ta' ilma għandha tkun rappreżentata bl-aktar valur baxx tar-riżultati ta' moniteraġġ bioloġiku u fiżiko-kimiku għall-elementi ta' kwalità rilevanti kklassifikat skond l-ewwel kolonna tat-tabella ta' hawn taħt. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa għal kull distrett ta' *catchment* ta' ilma li turi l-klassifika ta' l-istatus ekoloġiku għal kull korp ta' ilma,

kodifikata bil-kulur skond it-tieni kolonna tat-tabella mogħtija hawn taħt biex tirrifletti l-klassifika ta' l-istatus ekoloġiku tal-korp ta' ilma:

| Klassifika ta' status ekoloġiku | Kodiċi tal-kulur |
|---|---|
| Għoli | Blu |
| Tajjeb | Aħdar |
| Moderat | Isfar |
| Fqir | Oranġjo |
| Ħażin | Aħmar |

(ii) Għal korpi ta' ilma modifikati sewwa u artifiċjali, il-klassifika ekoloġika potenzjali għall-korp ta' ilma għandha tkun rappreżentata bl-aktar valur baxx tar-riżultati ta' moniteraġġ bioloġiku u fiżiko kimiku għall-elementi ta' kwalità klassifikati skond l-ewwel kolonna tat-tabella stabbilita hawn taħt. L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa għal kull distrett ta' *catchment* ta' ilma li turi l-klassifika tal-potenzjal ekoloġiku ta' kull korp ta' ilma, kodifikat bil-kulur, fir-rigward ta' korpi ta' ilma artifiċjali skond it-tieni kolonna tat-tabella stabbilita hawn taħt u rigward korpi ta' ilma modifikati sewwa skond it-tielet kolonna ta' din l-istess tabella:

| Klassifika potenzjali ekoloġika | Kodiċi tal-kuluri | |
|---|---|---|
| | Korpi ta' ilma artifiċjali | Modifikati sewwa |
| Tajjeb u għoli | Strixxi ugwali ħodor u strixxi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali hodor u strixxi ugwali bi griż skur |
| Moderat | Strixxi ugwali sofor u strixxi ugwali bi ġriż mitfi | Strixxi ugwali sofor u strixxi ugwali bi griż skur |
| Fqir | Strixxi ugwali oranġjo u strixi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali oranġjo u strixxi ugwali bi griż skur |
| Ħażin | Strixxi ugwali ħomor u strixxi ugwali bi griż mitfi | Strixxi ugwali ħomor u strixxi ugwali bi griż skur |

(i) L-awtorità kompetenti għandha tindika ukoll, b'tikka sewda fuq il-mappa, dawk il-korpi ta' l-ilma fejn in-nuqqas li jiksbu status tajjeb jew potenzjal ekoloġiku tajjeb huwa dovut għan-non-konformità ma' standard jew standards ta' kwalità ambjentali li kienu stabbiliti għal dak il-korp ta' ilma fir-rigward ta' pollutanti sintetiċi u non-sintetiċi speċifiċi (skond ir-reġim konformi stabbilit mill-awtorità kompetenti).

1.4.3. Preżentazzjoni ta' riżultati ta' moniteraġġ u klassifika ta' status kimiku

Korp ta' ilma li jikseb konformità ma' l-istandards kollha ta' kwalità ambjentali stabbiliti fl-Anness IX u ma' dawk stabbiliti f'leġislazzjoni oħra rilevanti li jissettjaw l-istandards ta' kwalità ambjentali għandu jkun irreġistrat bħala li kiseb status kimiku tajjeb. Jekk le, il-korp għandu jkun rreġistrat li naqas li jikseb status kimiku tajjeb.

L-awtorità kompetenti għandha tipprovdi mappa għal kull distrett ta' *catchment* ta' ilma li turi l-istatus kimiku ta' kull korp ta' ilma, kodifikat bil-kulur skond it-tieni kolonna tat-tabella mogħtija hawn taħt biex tirrifletti il-klassifika ta' l-istatus kimiku tal-korp ta' ilma:

| Klassifika ta'status kimiku | Kodiċi tal-kuluri |
|---|---|

| | |
|---|---|
| Tajjeb | Blu |
| Naqas li jikseb (statut kimiku) tajjeb | Aħmar |

2. ILMA TA' TAĦT L-ART

**2.1. Status kwantitattiv ta' ilma ta' taħt l-art**

2.1.1 Parametru għall-klassifikazzjoni ta' status kwantitattiv

***Reġim ta' livell ta' ilma ta' taħt l-art***

2.1.2. Definizzjoni ta' status kwantitattiv

| Elementi | Status tajjeb |
|---|---|
